DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/432

tal-25 ta' Frar 2023

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK ([1]).

(2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.

(3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta' Frar 2023, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti . Il-Kunsill Ewropew tenna wkoll li l-Unjoni tinsab lesta li tkompli ssaħħaħ il-miżuri restrittivi tagħha kontra r-Russja.

(4) Fid-dawl tas-serjetà tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li 87 persuna u 34 entità responsabbli għal azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

(5) Huwa xieraq ukoll li d-derogi mill-iffriżar tal-assi u mill-projbizzjoni li jsiru disponibbli fondi u riżorsi ekonomiċi, li kienu applikabbli għall-banek diġà elenkati, jiġu estiżi għal tliet banek li għadhom kif ġew elenkati, u li jiġi permess l-ipproċessar tal-pagamenti mill-Jewish Claims Conference permezz ta' wieħed minnhom.

(6) Huwa xieraq ukoll li jiġi permess ir-rilaxx jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati meħtieġa għad-disponiment jew it-trasferiment ta' titoli minn entità stabbilita fl-Unjoni attwalment jew preċedentement ikkontrollata minn entità elenkata speċifika. Fl-aħħar nett, huwa xieraq li jiġi permess ir-rilaxx jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati meħtieġa għat-terminazzjoni ta' operazzjonijiet, kuntratti jew ftehimiet oħra ma' entità elenkata, u li tiġi estiża bi tliet xhur l-iskadenza għad-deroga biex ikun permess il-bejgħ u t-trasferiment ta' drittijiet proprjetarji f'persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fl-Unjoni li jkunu proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati.

(7) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/145/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2:

(a) fil-punt (a) tal-paragrafu 10 id-data "28 ta' Frar 2023" hija sostitwita bid-data "31 ta' Mejju 2023";

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

(b) fil-paragrafu 17, ir-referenza għal "numri tad-dħul 53, 54, 55, 79, 80, 81, 82, 108, 126 u 127 taħt l-intestatura "Entitajiet" fl-Anness" hija sostitwita b'"numri tad-dħul 53, 54, 55, 79, 80, 81, 82, 108, 126, 127, 198, 199 u 200" taħt l-intestatura "Entitajiet" fl-Anness";

(c) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"21. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entitajiet elenkati taħt in-numri tad-dħul 198, 199 u 200 taħt l-intestatura "Entitajiet" fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dawk l-entitajiet, skont tali kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma neċessarji għat-terminazzjoni sas-26 ta' Awwissu 2023 ta' operazzjonijiet, kuntratti, jew ftehimiet oħra, inkluż relazzjonijiet bankarji korrispondenti, konklużi ma' dawk l-entitajiet qabel il-25 ta' Frar 2023, jew, fir-rigward tal-entità elenkata taħt in-numru tal-entrata 198 taħt l-intestatura 'Entitajiet' fl-Anness, għal tranżazzjonijiet għall-iżborż ta' fondi mill-Jewish Claims Conference lil benefiċjarji fil-Federazzjoni Russa sas-26 ta' Novembru 2023, irrispettivament minn meta ġew konklużi l-operazzjonijiet, il-kuntratti jew il-ftehimiet l-oħra. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

22. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu, skont il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati miżmuma mill-entità elenkata taħt l-entrata numru 101 taħt l-intestatura 'Entitajiet' fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dik l-entità, u wara li jkunu ddeterminaw li:

(a) tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jkunu meħtieġa għad-disponiment jew it-trasferiment ta' titoli minn entità stabbilita fl-Unjoni, attwalment jew preċedentement ikkontrollata mill-entità elenkata taħt l-entrata numru 82 taħt l-intestatura 'Entitajiet' fl-Anness;

(b) tali disponiment jew trasferiment jitlesta sal-24 ta' Lulju 2023; u,

(c) tali disponiment jew trasferiment jitwettaq abbażi ta' operazzjonijiet, kuntratti jew ftehimiet oħra konklużi mal-entità elenkata taħt l-entrata numru 101 taħt l-intestatura 'Entitajiet' fl-Anness, jew li jinvolvuha, qabel it-3 ta' Ġunju 2022.

23. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu, skont il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati miżmuma mill-entità elenkata taħt in-numru tal-entrata 190 taħt l-intestatura 'Entitajiet' fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dik l-entità, wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-terminazzjoni sas-26 ta' Awwissu 2023 ta' operazzjonijiet, kuntratti, jew ftehimiet oħra, konklużi ma' dik l-entità jew inkella li jinvolvuha, qabel il-25 ta' Frar 2023.";

(2) l-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ROSWALL

ANNESS

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"1413.	Olga Yevgenyevna BAS (Ольга Евгеньевна БАС)	Data tat-twelid: 27.2.1964 Post tat-twelid: Noginsk, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa mill-20 ta' Diċembru 2022, bħala r-rappreżentant tal-ħekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" annessa illegalment. Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità, b'hekk hija qed tappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1414.	Konstantin Vladimirovich BASYUK (Константин Владимирович БАСЮК)	Data tat-twelid: 29.5.1966 Post tat-twelid: Taldy-Kurgan, l-eks USSR (illum Taldykorgan, Kazakhstan) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa mill-20 ta' Diċembru 2022, bħala r-rappreżentant tar-reġjun anness illegalment ta' Kherson. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, b'hekk huwa qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1415.	Dmitry Nikolayevich VORONA magħruf ukoll bħala Dmytro Mykolayovich Vorona (bir-Russu: Дмитрий Николаевич ВОРОНА) (bl-Ukren: Дмитро Миколайович ВОРОНА)	Data tat-twelid: 24.7.1980 Post tat-twelid: Donetsk, l-eks USSR (illum Ukraine) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Crimea Development Corporation. Membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa mill-20 ta' Diċembru 2022, bħala r-rappreżentant tar-reġjun anness illegalment ta' Zaporizhzhia. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, b'hekk huwa qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1416.	Dariya Sergeevna LANTRATOVA (Дарья Сергеевна ЛАНТРАТОВА)	Data tat-twelid: 20.5.1984 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Viċi Segretarju tal-Kunsill Ġenerali tal-partit "United Russia" (Russja Magħquda). Membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa mill-20 ta' Diċembru 2022, bħala r-rappreżentant tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" annessa illegalment. Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità, b'hekk hija qed tappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1417.	Gleb Leonidovich MIKHAILOV (Глеб Леонидович МИХАЙЛОВ)	Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Maħtur fid-29 ta' Diċembru 2022 bid-digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin bħala l-Prosekutur tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", taħt l-awtorità tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tal-Federazzjoni Russa. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, b'hekk huwa qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1418.	Kirill Nikolaevich OSIPCHUK (Кирилл Николаевич ОСИПЧУК)	Data tat-twelid: 1974 Post tat-twelid: Khabarovsk, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Maħtur fid-29 ta' Diċembru 2022 bid-digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin bħala l-Prosekutur tar-reġjun anness illegalment ta' Zaporizhzhia, taħt l-awtorità tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tal-Federazzjoni Russa. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, b'hekk huwa qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1419.	Andrey Yuryevich PETROV (Андрей Юрьевич ПЕТРОВ)	Data tat-twelid: 16.3.1974 Post tat-twelid: Shakhty, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Maħtur fid-29 ta' Diċembru 2022 bid-digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin bħala l-Prosekutur tar-reġjun ta' Kherson, taħt l-awtorità tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tal-Federazzjoni Russa. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, b'hekk huwa qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1420.	Andrey Alexandrovich SPIVAK (Андрей Александрович СПИВАК)	Data tat-twelid: 14.12.1977 Post tat-twelid: Dnepropetrovsk, l-eks USSR (illum Dnipro, Ukraine) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Maħtur fid-29 ta' Diċembru 2022 bid-digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin bħala l-Prosekutur tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" annessa illegalment, taħt l-awtorità tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tal-Federazzjoni Russa. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, b'hekk huwa qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1421.	Tatiana Petrovna LARIONOVA (Татьяна Петровна ЛАРИОНОВА)	Data tat-twelid: 02.7.1955 Post tat-twelid: Kazan, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Membru tad-Duma tal-Istat li, fil-21 ta' Diċembru 2022, ivvotat favur l-abbozz ta' liġi Nru 242406-8 "Dwar is-sistema tal-kuntratti", li skontha d-dritt tar-regolazzjoni tal-akkwist pubbliku fl-erba' territorji u reġjuni Ukreni annessi illegalment inġhata lill-gvern Russu . B'hekk, hija appoġġat u implimentat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1422.	Oleg Alexeyevich MIKHAILOV (Олег Алексеевич МИХАЙЛОВ)	Data tat-twelid: 06.1.1987 Post tat-twelid: Pechora, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat li, fil-21 ta' Diċembru 2022. ivvota favur l-abbozz ta' liġi Nru 242406-8 "Dwar is-sistema tal-kuntratti", li skontha d-dritt tar-regolazzjoni tal-akkwist pubbliku fl-erba' territorji u reġjuni Ukreni annessi illegalment inġhata lill-gvern Russu. B'hekk, huwa appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1423.	Zelimkhan Alikoevich MUTSOEV (Зелимхан Аликоевич МУЦОЕВ)	Data tat-twelid: 13.10.1959 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat li, fil-21 ta' Diċembru 2022, ivvota favur l-abbozz ta' liġi Nru 242406-8 "Dwar is-sistema tal-kuntratti", li skontha d-dritt tar-regolazzjoni tal-akkwist pubbliku fl-erba' territorji u reġjuni Ukreni annessi illegalment inġhata lill-gvern Russu. B'hekk, huwa appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1424.	Vladimir Viktorovich PAVLOV (Владимир Викторович ПАВЛОВ)	Data tat-twelid: 1.6.1976 Post tat-twelid: Chelyabinsk, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat li, fil-21 ta' Diċembru 2022, ivvota favur l-abbozz ta' liġi Nru 242406-8 "Dwar is-sistema tal-kuntratti", li skontha d-dritt tar-regolazzjoni tal-akkwist pubbliku fl-erba' territorji u reġjuni Ukreni annessi illegalment inġhata lill-gvern Russu. B'hekk, huwa appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1425.	Vladimir Ivanovich BULAVIN (Владимир Иванович БУЛАВИН)	Data tat-twelid: 11.2.1953 Post tat-twelid: Ploskim, l-eks USSR (illum Stanovoye, Russia) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vladimir Bulavin huwa l-Kap tas-Servizz Doganali Federali tal-Federazzjoni Russa u Membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Fir-rwol tiegħu bħala l-Kap tas-Servizz Doganali Federali, huwa jissorvelja l-isforzi biex tinkiseb importazzjoni parallela lejn ir-Russja sabiex jiddgħajfu r-restrizzjonijiet kummerċjali u doganali. Huwa awtorizza wkoll il-ftuħ ta' uffiċċji u l-eżerċizzju ta' awtorità diretta fuq il-proċessi doganali fit-territorji annessi illegalment ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia, u l-impożizzjoni tal-kodiċi doganali tar-Russja fuq dawn it-territorji. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1426.	Yevgeny Alexandrovich PRIMAKOV magħruf ukoll bħala Yevgeny Primakov Jr magħruf ukoll bħala Yevgeny Sandro (Евгений Александрович ПРИМАКОВ magħruf ukoll bħala Евгений Примаков-младший magħruf ukoll bħala Евгений Сандро)	Data tat-twelid: 29.4.1976 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Yevgeny Primakov huwa l-Kap tal-Aġenzija Federali għall-Komunità ta' Stati Indipendenti, Kompatrijotti li Jgħixu Barra u l-Kooperazzjoni Umanitarja Internazzjonali (Rossotrudnichestvo), korp eżekuttiv federali responsabbli għall-għoti ta' servizzi statali u l-ġestjoni tal-proprjetà tal-istat biex jappoġġa u jiżviluppa relazzjonijiet internazzjonali bejn il-Federazzjoni Russa u l-istati membri tal-Komunità ta' Stati Indipendenti u pajjiżi barranin oħra, kif ukoll fl-isfera tal-kooperazzjoni umanitarja internazzjonali. Rossotrudnichestvo torganizza b'mod attiv avvenimenti internazzjonali mmirati lejn il-konsolidazzjoni ta' perċezzjoni pubblika usa' tat-territorji Ukreni okkupati bħala Russi. Bħala l-Kap tal-organizzazzjoni, Yevgeny Primakov wera biċ-ċar appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1427.	Vladimir Viktorovich SELIN (Владимир Викторович СЕЛИН)	Data tat-twelid: 1.1.1955 Post tat-twelid: Voronezh Oblast, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vladimir Selin huwa d-Direttur tas-Servizz Federali għall-Kontroll Tekniku u tal-Esportazzjoni (FSTEK), li huwa subordinat għall-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. L-FSTEK huwa korp eżekuttiv federali responsabbli għall-kontroll u s-sorveljanza fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni, inkluż fl-isfera militari, u għall-implimentazzjoni tal-kontrolli tal-esportazzjoni. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-kontroll, is-superviżjoni u l-iżvilupp tal-politika tal-istat fil-qasam tal-kontrolli tal-esportazzjoni u l-kooperazzjoni militari-teknika, u b'hekk huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russa b'mod ġenerali. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1428.	Alexey Gennadyevich KOMISSAROV (Алексей Геннадиевич КОМИССАРОВ)	Data tat-twelid: 20.10.1969 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexey Komissarov huwa l-Kopresident tal-Kwartieri Ġenerali Ċentrali tal-All-Russia People's Front. Taħt il-kontroll u t-tmexxija tiegħu, il-People's Front jipprovdi appoġġ għall-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż permezz tal-kampanja soċjali "All for Victory!" (Kollox għar-Rebħa!), inkluż billi jinġabru donazzjonijiet fiżiċi u finanzjarji biex jiġu appoġġati l-unitajiet militari tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1429.	Leonid Mikhailovich ROSHAL (Леонид Михайлович РОШАЛЬ)	Data tat-twelid: 27.4.1933 Post tat-twelid: Livny, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Leonid Roshal huwa l-Kopresident tal-Kwartieri Ġenerali Ċentrali tal-All-Russia People's Front. Taħt il-kontroll u t-tmexxija tiegħu, il-Front Popolari jipprovdi appoġġ għall-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż permezz tal-kampanja soċjali "All for Victory!" (Kollox għar-Rebħa!), inkluż billi jinġabru donazzjonijiet fiżiċi u finanzjarji biex jiġu appoġġati l-unitajiet militari tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Huwa għamel ukoll dikjarazzjonijiet personali b'appoġġ għall-azzjoni militari kontra l-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1430.	Elena Vladimirovna SHMELEVA (Елена Владимировна ШМЕЛЕВА)	Data tat-twelid: 3.10.1971 Post tat-twelid: Leningrad, l-eks USSR (illum St. Petersburg, Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Elena Shmeleva hija l-Kopresident tal-Kwartieri Ġenerali Ċentrali tal-All-Russia People's Front. Taħt it-tmexxija tagħha, il-People's Front jipprovdi appoġġ għall-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż permezz tal-kampanja soċjali "All for Victory!" ("Kollox għar-Rebħa!"), inkluż billi jinġabru donazzjonijiet fiżiċi u finanzjarji biex jiġu appoġġati l-unitajiet militari tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Hija wkoll il-Kap tal-fond edukattiv "Talent and Success" (Talent u Suċċess) u President tal-Kunsill Territorjali Federali ta' Sirius. F'dan ir-rwol imsemmi l-aħħar, hija responsabbli għad-diskussjonijiet mal-awtoritajiet tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" fir-rigward tal-ftuħ ta'ċentri edukattivi Russi fir-reġjun ta' Donetsk. Għalhekk hija responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1431.	Mikhail Mikhailovich KUZNETSOV (Михаил Михайлович КУЗНЕЦОВ)	Data tat-twelid: 18.8.1979 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Front Popolari Pan-Russu	Mikhail Kuznetsov huwa l-Kap tal-Kumitat Eżekuttiv tal-All-Russia People's Front. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-organizzazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-kampanja "All for Victory!" ("Kollox għar-Rebħa") li għandha l-għan li tappoġġa unitajiet militari fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" b'oġġetti meħtieġa għal operazzjonijiet militari. Huwa direttament responsabbli biex jipprovdi mezzi lill-ġellieda f'dawk ir-reġjuni. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1432.	Sergei Olegovich GORBUNOV (Сергей Олегович ГОРБУНОВ)	Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Front Popolari Pan-Russu	Sergei Gorbunov huwa l-Viċi Kap tal-Kumitat Eżekuttiv tal-All-Russia People's Front. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-organizzazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-kampanja "All for Victory!" ("Kollox għar-Rebħa!") li għandha l-għan li tappoġġa unitajiet militari fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" b'oġġetti meħtieġa għal operazzjonijiet militari. Huwa direttament responsabbli biex jipprovdi mezzi lill-ġellieda f'dawk ir-reġjuni. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1433.	Oleg Aleksandrovich TERLIAKOV (Олег Александрович ТЕРЛЯКОВ)	Funzjoni: Viċi kap tar-Russian Federal Service for Supervision of Communications Information Technology and Mass Media (Roskomnadzor)) Data tat-twelid: 5.3.1979 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Andrei Yurievich Lipov Entitajiet assoċjati: Roskomnadzor Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: Grad militari: maġġur	Oleg Terliakov huwa l-viċi kap tas-Servizz Federali Russu għas-Superviżjoni tal-Komunikazzjoni, it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Media tal-Massa (Roskomnadzor). Roskomnadzor hija aġenzija tal-istat Russa responsabbli għall-komunikazzjoni, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-media tal-massa. Hija implimentat il-politika tal-istat ta' ċensura ta' entitajiet tal-media indipendenti. Bħala l-viċi kap ta' Roskomnadzor, Oleg Terliakov jissorvelja d-dipartimenti tal-Ħruġ tal-Permessi għat-Telekomunikazzjoni u l-Kontroll u s-Superviżjoni tat-Telekomunikazzjoni u huwa responsabbli għal deċiżjonijiet li wasslu għal-limitazzjoni tal-aċċess għall-informazzjoni għas-soċjetà Russa u l-għeluq ta' mezzi tal-media Russi indipendenti. Dawk l-azzjonijiet ċensura li tippromwovi, tgħin u tiġġustifika l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Oleg Terliakov huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1434.	Vadim Alekseevich SUBOTIN / Vadim Alekseevich SUBBOTIN (Вадим Алексеевич СУББОТИН)	Funzjoni: Viċi kap tar-Russian Federal Service for Supervision of Communications Information Technology and Mass Media (Roskomnadzor) Data tat-twelid: 29.03.1983 Post tat-twelid: Svobodny-18, Amur Region, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Andrei Yurievich Lipov Entitajiet assoċjati: Roskomnadzor	Vadim Subotin huwa l-viċi kap tas-Servizz Federali Russu għas-Superviżjoni tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni tal-Komunikazzjoni u l-Media tal-Massa (Roskomnadzor). Roskomnadzor hija aġenzija tal-istat Russu responsabbli għall-komunikazzjoni, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-media tal-massa. Hija implimentat il-politika tal-istat ta' ċensura ta' entitajiet tal-media indipendenti. Bħala l-viċi kap ta' Roskomnadzor, Vadim Subotin jissorvelja d-dipartiment tal-Liċenzji, il-Kontroll u s-Superviżjoni fl-Isfera tal-Komunikazzjoni tal-Massa u d-Dipartiment tal-Kontroll u s-Superviżjoni fil-Qasam tal-Komunikazzjoni Elettronika. F'din il-kapaċità huwa responsabbli għal deċiżjonijiet li wasslu għal limitazzjoni tal-aċċess għall-informazzjoni għas-soċjetà Russa u l-għeluq ta' mezzi tal-media Russi indipendenti. Dawk l-azzjonijiet joħolqu ċensura li tippromwovi, tgħin u tiġġustifika l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Vadim Subotin huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1435.	Vasiliy Sergeevich OSMAKOV (Василий Сергеевич ОСЬМАКОВ)	Funzjoni: Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ (mill-2016) Data tat-twelid: 8.6.1983 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vasiliy Osmakov ilu Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ mill-2016. Il-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ huwa l-korp eżekuttiv federali responsabbli għall-iżvilupp tal-politika tal-istat u r-regolamentazzjoni legali fil-qasam, fost l-oħrajn, tal-kumpless militari-industrijali, l-attivitajiet spazjali u l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-avjazzjoni. Il-Ministeru jissorvelja l-industrija tal-armi u tad-difiża tar-Russja u jaqdi rwol kruċjali fl-akkwist ta' tagħmir militari użat fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ, huwa responsabbli għal azzjonijiet u attivitajiet tal-Ministeru li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1436.	Oleg Evgenievich BOCHAROV (Олег Евгеньевич БОЧАРОВ)	Funzjoni: Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ (mill-2017) Data tat-twelid: 18.6.1968 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 773116543703	Oleg Bocharov ilu Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ mill-2017. Il-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ huwa l-korp eżekuttiv federali responsabbli għall-iżvilupp tal-politika tal-istat u r-regolamentazzjoni legali fil-qasam, fost l-oħrajn, tal-kumpless militari-industrijali, l-attivitajiet spazjali u l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-avjazzjoni. Il-Ministeru jissorvelja l-industrija tal-armi u tad-difiża tar-Russja u jaqdi rwol kruċjali fl-akkwist ta' tagħmir militari użat fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ, huwa responsabbli għal azzjonijiet u attivitajiet tal-Ministeru li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1437.	Kirill Alekseevich LYSOGORSKY (Кирилл Алексеевич ЛЫСОГОРСКИЙ)	Funzjoni: Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ (mill-2022) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Kirill Lysogorsky ilu Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ minn Ottubru 2022. Il-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ huwa l-korp eżekuttiv federali responsabbli għall-iżvilupp tal-politika tal-istat u r-regolamentazzjoni legali fil-qasam, fost l-oħrajn, tal-kumpless militari-industrijali, l-attivitajiet spazjali u l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-avjazzjoni. Il-Ministeru jissorvelja l-industrija tal-armi u tad-difiża tar-Russja u jaqdi rwol kruċjali fl-akkwist ta' tagħmir militari użat fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ, huwa responsabbli għal azzjonijiet u attivitajiet tal-Ministeru li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1438.	Vasily Viktorovich SHPAK (Василий Викторович ШПАК)	Funzjoni: Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ (mill-2021) Data tat-twelid: 8.4.1977 Post tat-twelid: Kuibyshev, l-eks USSR (illum: Samara, Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tad-dokument tal-identità: ITIN 631908586556	Vasily Shpak ilu Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ mill-2021. Il-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ huwa l-korp eżekuttiv federali responsabbli għall-iżvilupp tal-politika tal-istat u r-regolamentazzjoni legali fil-qasam, fost l-oħrajn, tal-kumpless militari-industrijali, l-attivitajiet spazjali u l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-avjazzjoni. Il-Ministeru jissorvelja l-industrija tal-armi u tad-difiża tar-Russja u jaqdi rwol kruċjali fl-akkwist ta' tagħmir militari użat fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ, huwa responsabbli għal azzjonijiet u attivitajiet tal-Ministeru li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1439.	Alexey Sergeevich BESPROZVANNYKH (Алексей Сергеевич БЕСПРОЗВАННЫХ)	Funzjoni: Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ Data tat-twelid: 23.8.1979 Post tat-twelid: Leninogorsk, Kazakh Soviet Socialist Republic, l-eks USSR (illum Ridder, Kazakhstan) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 222408092578	Alexey Besprozvannykh ilu Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ mill-2017. Il-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ huwa l-korp eżekuttiv federali responsabbli għall-iżvilupp tal-politika tal-istat u r-regolamentazzjoni legali fil-qasam, fost l-oħrajn, tal-kumpless militari-industrijali, l-attivitajiet spazjali u l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-avjazzjoni. Il-Ministeru jissorvelja l-industrija tal-armi u tad-difiża tar-Russja u għandu rwol kruċjali fl-akkwist ta' tagħmir militari użat fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ, Alexey Besprozvannykh huwa responsabbli għal azzjonijiet u attivitajiet tal-Ministeru li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1440.	Ekaterina Gennadievna PRIEZZHEVA (Екатерина Геннадьевна ПРИЕЗЖЕВА)	Funzjoni: Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ (mill-2023) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Ekaterina Priezzheva ilha Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ mill-2013. Il-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ huwa l-korp eżekuttiv federali responsabbli għall-iżvilupp tal-politika tal-istat u r-regolamentazzjoni legali fil-qasam, fost l-oħrajn, tal-kumpless militari-industrijali, l-attivitajiet spazjali u l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-avjazzjoni. Il-Ministeru jissorvelja l-industrija tal-armi u tad-difiża tar-Russja u jaqdi rwol kruċjali fl-akkwist ta' tagħmir militari użat fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fil-kapaċità tagħha bħala Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ, Ekaterina Priezzheva hija responsabbli għal azzjonijiet u attivitajiet tal-Ministeru li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u hija persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1441.	Albert Anvarovich KARIMOV (Альберт Анварович КАРИМОВ)	Funzjoni: Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ (mill-2022) Data tat-twelid: 23.1.1976 Post tat-twelid: Kazan, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Indirizz: 125039, Moscow, Presnenskaya emb., 10, building 2	Albert Karimov ilu Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ mill-2022. Il-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ huwa l-korp eżekuttiv federali responsabbli għall-iżvilupp tal-politika tal-istat u r-regolamentazzjoni legali fil-qasam, fost l-oħrajn, tal-kumpless militari-industrijali, l-attivitajiet spazjali u l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-avjazzjoni. Il-Ministeru jissorvelja l-industrija tal-armi u tad-difiża tar-Russja u jaqdi rwol kruċjali fl-akkwist ta' tagħmir militari użat fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ, huwa responsabbli għal azzjonijiet u attivitajiet tal-Ministeru li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1442.	Viktor Leonidovich YEVTUKHOV (Виктор Леонидович ЕВТУХОВ)	Funzjoni: Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ (mill-2012), Segretarju tal-Istat tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ (mill-2014) Data tat-twelid: 2.3.1968 Post tat-twelid: Leningrad, l-eks USSR, (illum St. Petersburg, Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 781001361883	Viktor Yevtukhov ilu Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ mill-2012.Fl-2014, inħatar Segretarju tal-Istat. Il-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ huwa l-korp eżekuttiv federali responsabbli għall-iżvilupp tal-politika tal-istat u r-regolamentazzjoni legali fil-qasam, fost l-oħrajn, tal-kumpless militari-industrijali, l-attivitajiet spazjali u l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-avjazzjoni. Il-Ministeru jissorvelja l-industrija tal-armi u tad-difiża tar-Russja u jaqdi rwol kruċjali fl-akkwist ta' tagħmir militari użat fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi Ministru u Segretarju tal-Istat tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ, huwa responsabbli għal azzjonijiet u attivitajiet tal-Ministeru li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1443.	Aleksey Aleksandrovich UCHENOV (Алексей Александрович УЧЕНОВ)	Funzjoni: Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ (mill-2021) Data tat-twelid: 13.2.1986 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Aleksey Uchenov ilu Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ mill-2021. Il-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ huwa l-korp eżekuttiv federali responsabbli għall-iżvilupp tal-politika tal-istat u r-regolamentazzjoni legali fil-qasam, fost l-oħrajn, tal-kumpless militari-industrijali, l-attivitajiet spazjali u l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-avjazzjoni. Il-Ministeru jissorvelja l-industrija tal-armi u tad-difiża tar-Russja u jaqdi rwol kruċjali fl-akkwist ta' tagħmir militari użat fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ, huwa responsabbli għal azzjonijiet u attivitajiet tal-Ministeru li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1444.	Mikhail Igorjevich IVANOV (Михаил Игоревич ИВАНОВ)	Funzjoni: Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Michail Ivanov ilu l-Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ sa mill-2020. Il-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ huwa l-korp eżekuttiv federali responsabbli għall-iżvilupp tal-politika tal-istat u r-regolamentazzjoni legali fil-qasam, fost l-oħrajn, tal-kumpless militari-industrijali, l-attivitajiet spazjali u l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-avjazzjoni. Il-Ministeru jissorvelja l-industrija tal-armi u tad-difiża tar-Russja u jaqdi rwol kruċjali fl-akkwist ta' tagħmir militari użat fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ, huwa responsabbli għal azzjonijiet u attivitajiet tal-Ministeru li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1445.	Tatyana Alexandrovna ILYUSHNIKOVA (Татьяна Александровна ИЛЮШНИКОВА)	Funzjoni: Viċi Ministru tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku Data tat-twelid: 2.6.1976 Post tat-twelid: l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara Entitajiet assoċjati: Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku	Tatyana Alexandrovna Ilyushnikova hija l-Viċi Ministru tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku Matul l-amministrazzjoni tagħha, il-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku kien involut f'attivitajiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, inkluż miżuri biex jiġi esplorat il-potenzjal ekonomiku tar-reġjuni Ukreni annessi (Kherson, Zaporizhzhia, l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk") kif ukoll attivitajiet biex jiġu appoġġati miżuri ta' ekonomija tal-gwerra tal-gvern Russu. Tatyana Ilyushnikova hija għalhekk responsabbli għal attivitajiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, u hija persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1446.	Polina Viktorovna KRYUCHKOVA (Полина Викторовна КРЮЧКОВА)	Funzjoni: Viċi Ministru tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku Data tat-twelid: 21.2.1972 Post tat-twelid: l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara Numru tal-Identità tat-Taxxa: 504701121847 Entitajiet assoċjati: Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku	Polina Kryuchkova hija l-Viċi Ministru tar-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku. Matul l-amministrazzjoni tagħha, il-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku kien involut f'attivitajiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, inkluż miżuri biex jiġi esplorat il-potenzjal ekonomiku tar-reġjuni Ukreni annessi (Kherson, Zaporizhzhia, l-ħekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk") kif ukoll attivitajiet biex jiġu appoġġati miżuri ta' ekonomija tal-gwerra tal-gvern Russu. Polina Kryuchkova hija għalhekk responsabbli għal attivitajiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, u hija persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1447.	Vladimir Evgenievich ILYICHEV (Владимир Евгеньевич ИЛЬИЧЕВ)	Funzjoni: Viċi Ministru tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku Data tat-twelid: 28.9.1976 Post tat-twelid: l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku	Vladimir Ilyichev huwa l-Viċi Ministru tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku. Matul l-amministrazzjoni tiegħu, il-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku kien involut f'attivitajiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, inkluż miżuri biex jiġi esplorat il-potenzjal ekonomiku tar-reġjuni Ukreni annessi (Kherson, Zaporizhzhia, l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk") kif ukoll attivitajiet biex jiġu appoġġati miżuri ta' ekonomija tal-gwerra tal-gvern Russu. Vladimir Ilyichev huwa għalhekk responsabbli għal attivitajiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1448.	Ilya Eduardovich TOROSOV (Илья Эдуардович ТОРОСОВ)	Funzjoni: Viċi Ministru tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku Data tat-twelid: 14.10.1982 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku	Ilya Torosov huwa l-Viċi Ministru tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku. Matul l-amministrazzjoni tiegħu, il-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku kien involut f'attivitajiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, inkluż miżuri biex jiġi esplorat il-potenzjal ekonomiku tar-reġjuni Ukreni annessi (Kherson, Zaporizhzhia, l-ħekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk") kif ukoll attivitajiet biex jiġu appoġġati miżuri ta' ekonomija tal-gwerra tal-gvern Russu. Ilya Torosov huwa għalhekk responsabbli għal attivitajiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1449.	Aleksey Igorevich KHERSONTSEV (Алексей Игоревич ХЕРСОНЦЕВ)	Funzjoni: Viċi Ministru tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku Data tat-twelid: 21.8.1980 Post tat-twelid: Lesnoy, Sverdlovsk Region, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identità tat-Taxxa: 663004268009 Entitajiet assoċjati: Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku	Aleksey Khersontsev huwa l-Viċi Ministru tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku. Matul l-amministrazzjoni tiegħu, il-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku kien involut f'attivitajiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, inkluż miżuri biex jiġi esplorat il-potenzjal ekonomiku tar-reġjuni Ukreni annessi (Kherson, Zaporizhzhia, l-ħekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk") kif ukoll attivitajiet biex jiġu appoġġati miżuri ta' ekonomija tal-gwerra tal-gvern Russu. Aleksey Khersontsev huwa għalhekk responsabbli għal attivitajiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1450.	Sergey Makarovich NAZAROV (Сергей Макрович НАЗАРОВ)	Funzjoni: Viċi Ministru tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku Data tat-twelid: 27.7.1961 Post tat-twelid: Kizel, Perm Krai, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identità tat-Taxxa: 616402746272 Entitajiet assoċjati: Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku	Sergey Nazarov huwa l-Viċi Ministru tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku. Matul l-amministrazzjoni tiegħu, il-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku kien involut f'attivitajiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, inkluż miżuri biex jiġi esplorat il-potenzjal ekonomiku tar-reġjuni Ukreni annessi (Kherson, Zaporizhzhia, l-ħekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk") kif ukoll attivitajiet biex jiġu appoġġati miżuri ta' ekonomija tal-gwerra tal-gvern Russu. Sergey Nazarov huwa għalhekk responsabbli għal attivitajiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1451.	Dmitriy Valer'yevich VOLVACH (Дмитрий Валерьевич ВОЛЬВАЧ)	Funzjoni: Viċi Ministru tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku Data tat-twelid: 8.7.1972 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku	Dmitriy Volvach huwa l-Viċi Ministru tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku. Matul l-amministrazzjoni tiegħu, il-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku kien involut f'attivitajiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, inkluż miżuri biex jiġi esplorat il-potenzjal ekonomiku tar-reġjuni Ukreni annessi (Kherson, Zaporizhzhia, l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk") kif ukoll attivitajiet biex jiġu appoġġati miżuri ta' ekonomija tal-gwerra tal-gvern Russu. Dmitriy Volvach huwa għalhekk responsabbli għal attivitajiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1452.	Dmitriy Sergeevich VAKHRUKOV (Дмитрий Сергеевич ВАХРУКОВ)	Funzjoni: Viċi Ministru tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku Data tat-twelid: 1983 Post tat-twelid: l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku	Dmitriy Vakhrukov huwa l-Viċi Ministru tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku. Matul l-amministrazzjoni tiegħu, il-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku kien involut f'attivitajiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, inkluż miżuri biex jiġi esplorat il-potenzjal ekonomiku tar-reġjuni Ukreni annessi (Kherson, Zaporizhzhia, l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk") kif ukoll attivitajiet biex jiġu appoġġati miżuri ta' ekonomija tal-gwerra tal-gvern Russu. Dmitriy Vakhrukov huwa għalhekk responsabbli għal attivitajiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1453.	Murat Anatolyevich KEREFOV (Мурат Анатольевич КЕРЕФОВ)	Funzjoni: Viċi Ministru tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku Data tat-twelid: 1978 Post tat-twelid: Nalchik, Kabardino-Balkaria, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku	Murat Kerefov huwa l-Viċi Ministru tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku. . Matul l-amministrazzjoni tiegħu, il-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku kien involut f'attivitajiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, inkluż miżuri biex jiġi esplorat il-potenzjal ekonomiku tar-reġjuni Ukreni annessi (Kherson, Zaporizhzhia, l-ħekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk") kif ukoll attivitajiet biex jiġu appoġġati miżuri ta' ekonomija tal-gwerra tal-gvern Russu. Murat Kerefov huwa għalhekk responsabbli għal attivitajiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1454.	Maxim Andreevich KOLESNIKOV (Максим Андреевич КОЛЕСНИКОВ)	Funzjoni: Viċi Ministru tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku Post tat-twelid: l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku	Maxim Kolesnikov huwa l-Viċi tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku. Matul l-amministrazzjoni tiegħu, il-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku kien involut f'attivitajiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, inkluż miżuri biex jiġi esplorat il-potenzjal ekonomiku tar-reġjuni Ukreni annessi (Kherson, Zaporozhe, l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk") kif ukoll attivitajiet biex jiġu appoġġati miżuri ta' ekonomija tal-gwerra tal-gvern Russu. Maksim Kolesnikov huwa għalhekk responsabbli għal attivitajiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1455.	Alexey Nikolaievich PARIKIN (Алексей Николаевич ПАРИКИН)	Funzjoni: "First Deputy Governor" tas-City of Sevastopol annessa illegalment, preċedentement "Deputy Governor" tas-City of Sevastopol annessa illegalment. Data tat-twelid: 3.12.1978 Post tat-twelid: Makaryev, Kostroma region, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexey Parikin huwa l-hekk imsejjaħ "First Deputy Governor" tal-"Federal City" of Sevastopol. F'dak ir-rwol, Alexey Parikin huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-istat, inkluż ir-rikonoxximent illegali tal-"Federal City" ta' Sevastopol. F'dik il-kapaċità, u permezz tal-azzjonijiet tiegħu, huwa għalhekk responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1456.	Sergey Yurievich TOLMACHEV (Сергей Юрьевич ТОЛМАЧЕВ)	Funzjoni: "Deputy Governor" ta' "Zaporizhzhia region" anness illegalment Eks "deputy governor" tas-City of Sevastopol annessa illegalment. Data tat-twelid: 1972 Post tat-twelid: Krasnoyarsk, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: President Vladimir Putin	Sergey Tolmachev huwa l-hekk imsejjaħ "Deputy Governor of the Zaporizhzhia region" u l-Viċi Gvernatur preċedenti tas-City of Sevastopol annessa illegalment. F'dawk ir-rwoli, Sergey Tolmachev kien involut fit-tħejjija tal-organizzazzjoni tal-"elezzjonijiet" lokali u parlamentari f'reġjun anness illegalment tal-Ukrajna. Sergey Tolmachev kien involut ukoll fl-organizzazzjoni tar-referenda illegali li saru f'Settembru 2022 fir-reġjun tal-Ukrajna Zaporizhzhia anness illegalment. F'dawk ir-rwoli, Sergey Tolmachev huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-istat, inkluż ir-rikonoxximent illegali taż-"Zaporizhzhia region ". F'dik il-kapaċità, u permezz tal-azzjonijiet tiegħu, huwa għalhekk responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1457.	Vyacheslav Nikolaevich SMIRNOV (Вячеслав Николаевич СМИРНОВ)	Funzjoni: Konsulent tal-Viċi Kap ta' State Council of the Presidential Administration Data tat-twelid: 10.2.1969 Post tat-twelid: l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Boris Yakovlevich Rapoport	Vyacheslav Smirnov inħatar biex jissorvelja l-elezzjonijiet lokali fiż-żoni okkupati fl-Ukrajna u biex jorganizza l-votazzjoni. Huwa impjegat ukoll fil-Presidential Directorate for Supporting the State Council's Activities tal- Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-iżgurar tal-interazzjoni tal-President tal- Federazzjoni Russa ma' organizzazzjonijiet esperti, u għall-monitoraġġ u l-analiżi tal-proċessi soċjali. Id-Direttorat huwa involut ħafna fil-proċessi elettorali. F'dak ir-rwol, huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-istat Russu, inkluż l-inkorporazzjoni illegali ta' reġjuni Ukreni fl-istrutturi tal-istat Russu. F'dik il-kapaċità, u permezz tal-azzjonijiet tiegħu, huwa għalhekk responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1458.	Andriy Yuriovych TROFIMOV magħruf ukoll bħala Andrey Yurievych TROFIMOV bl-Ukren: Андрій Юрійович ТРОФІМОВ) bir-Russu: Андрей Юрьевич ТРОФИМОВ	Data tat-twelid: 14.8.1972 Post tat-twelid: Simferopol, Crimea, l-eks USSR (illum Ukraine) Nazzjonalità: Ukrena Sess: raġel Indirizz: 86 Kyivskya St. Apt. 53, Simferopol, Crimea, Ukraine . Numru tal-Identità tat-Taxxa: 2652410875	Andriy Trofimov inħatar mill-gvern Russu, bħala l-viċi kap tal-amministrazzjoni militari-ċivili kkontrollata mir-Russja fir-reġjun ta' Zaporizhzhia. Barra minn hekk, huwa l-Kap tal-Crimean Union of Journalists. F'dawk il-pożizzjonijiet, Andriy Trofimov jgħin jiżgura l-implimentazzjoni tal-politiki tal-gvern Russu fit-territorji okkupati. Għalhekk, huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1459.	Pavlo Igorovych FILIPCHUK magħruf ukoll bħala Pavlo Igorevich FILIPCHUK bl-Ukren: Павло Ігорович ФІЛІППЧУК, bir-Russu: Павел Игоревич ФИЛИППЧУК	Funzjoni: Il-Kap tal-belt ta' Kakhovka maħtur mir-Russja Data tat-twelid: 5.7.1983 Post tat-twelid: Zolochiv, Lviv region, l-eks USSR (illum Ukraine) Nazzjonalità: Ukrena Sess: raġel Indirizz: 128 K. Libknekhta Street, Kherson, Kherson Region, Ukraine; 25 Zolina Street, Kakhovka, Kherson region, Ukraine Numru tal-Identità tat-Taxxa: 3050100254 (Ukraine)	Pavlo Filipchuk inħatar mill-gvern Russu, bħala l-Kap tal-belt maħtufa ta' Kakhovka. F'dik il-pożizzjoni, Pavlo Filipchuk jgħin jiżgura l-implimentazzjoni tal-politiki tal-gvern Russu fit-territorji okkupati. Għalhekk, huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1460.	Alexander Semyonovich SANCHIK (Александр Семёнович САНЧИК)	Funzjoni: Mexxej militari Russu – Logutenent Ġeneral Kmandant tat-35th Combined Arms Army Data tat-twelid: 15.10.1966 Post tat-twelid: Moscow, eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa	Alexander Sanchik huwa mexxej militari Russu u Kmandant tat-35th Combined Arms Army. It-35th Combined Arms Army attakkat lill-Ukrajna mit-Tramuntana. Bħala Kmandant tat-35th Combined Arms Army, huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-unità tiegħu. Għalhekk Alexander Sanchik huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1461.	Alexander Vladimirovich NOVIKOV (Александр Владимирович НОВИКОВ)	Funzjoni: Mexxej militari Russu – Maġġur Ġeneral Kap tad-Directorate for construction and development of unmanned aerial vehicles Data tat-twelid: 28.11.1964 Post tat-twelid: Il-villaġġ ta' Meria, eks Georgian SSR (illum Georgia) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa	Alexander Novikov huwa mexxej militari Russu u Kap tad-Directorate for construction and development of unmanned aerial vehicles. Fl-Ukrajna, il-Forzi Armati Russi ta' spiss jużaw id-droni kontra miri militari u ċivili. Bħala Kap tad-Directorate for construction and development of unmanned aerial vehicles, Alexander Novikov huwa responsabbli għall-iżvilupp ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ, li jintużaw mill-Forzi Armati Russi. Għalhekk Alexander Novikov huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1462.	Alexey Vyacheslavovich AVDEEV (Алексей Вячеславович АВДЕЕВ)	Funzjoni: Mexxej militari Russu – Maġġur Ġeneral Kmandant tat-3rd Vislenskaya Red Banner Order of Suvorov and Kutuzov Motor Rifle Division Data tat-twelid: 22.3.1976 Post tat-twelid: Kursk, eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Armata Russa	Alexey Avdeev huwa mexxej militari Russu u Kmandant tat-3rd Vislenskaya Red Banner Order of Suvorov and Kutuzov Motor Rifle Division. It-3rd Motor Rifle Division ġiet skjerata f'territorji tal-Ukrajna fejn l-armata Russa wettqet atroċitajiet kontra persuni ċivili. Bħala Kmandant tat-3rd Motor Rifle Division, huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-unità tiegħu. Għalhekk Alexey Avdeev huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1463.	Evgeny Nikolaevich ZHURAVLEV (Евгений Николаевич ЖУРАВЛЕВ)	Funzjoni: Mexxej militari Russu – Maġġur Ġeneral Kmandant tal-Guards 4th (Kantemirovskaya) Tank Division of the Tank Army of the Western Military District Data tat-twelid: 20.3.1978 Post tat-twelid: Khabarovsk Territory, eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa	Evgeny Zhuravlev huwa mexxej militari Russu, Kmandant tal-Guards 4th (Kantemirovskaya) Tank Division of the Tank Army of the Western Military District. Il-Guards 4th (Kantemirovskaya) Tank Division ħadet sehem fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Bħala Kmandant tal-Guards 4th (Kantemirovskaya) Tank Division, huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-unità tiegħu. Għalhekk Evgeny Zhuravlev huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1464.	Georgy Ivanovich SHUVAEV (Георгий Иванович ШУВАЕВ)	Funzjoni: Mexxej militari Russu – Kurunell Kap tal-Missile Troops and Artillery of the 1st Tank Army (military unit 73621) of the Western Military District tal-Forzi Armati Russi Data tat-twelid: 6.5.1969 Post tat-twelid: Stary Oskol, Belgorod region, eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa	Georgy Shuvaev huwa mexxej militari Russu, u Kap tal-Missile Troops and Artillery of the 1st Tank Army (military unit 73621) of the Western Military District tal-Forzi Armati Russi. Il-Missile Troops and Artillery of the 1st Tank Army (military unit 73621) ipparteċipaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Bħala Kap tal-Missile Troops and Artillery of the 1st Tank Army (military unit 73621) of the Western Military District tal-Forzi Armati Russi, huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-unità tiegħu. Għalhekk Georgy Shuvaev huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza fl-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1465.	Mikhail Mikhailovich MATVEEVSKY (Михаил Михайлович МАТВЕЕВСКИЙ)	Funzjoni: Mexxej militari Russu – Logutenent Ġeneral Kap tal-Missile Troops and Artillery of the Ground Forces of the Russian Federation Data tat-twelid: 1.1.1963 Post tat-twelid: Kobylsk village, Kichmengo-Gorodets district, Vologda region, eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa	Mikhail Matveevsky huwa mexxej militari Russu, u Kap tal-Missile Troops and Artillery of the Ground Forces tal- Federazzjoni Russa. Fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, l-armata Russa użat ħafna missili kontra miri militari u ċivili. Bħala Kap tal-Missile Troops and Artillery of the Ground Forces tal- Federazzjoni Russa, huwa responsabbli għall-ibbumbardjar tal-Ukrajna. Għalhekk Mikhail Matveevsky huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza fl-Ukrajna, u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1466.	Mikhail Stepanovich ZUSKO (Михаил Степанович ЗУСЬКО)	Funzjoni: Mexxej militari Russu – Logutenent Ġeneral Kap tal-persunal ta' West grouping Eks Kmandant tal-58th Combined Arms Army of the Southern Military District Data tat-twelid: 24.5.1972 Post tat-twelid: Vetly, Volyn region, eks Ukrainian SSR (illum Ukraine) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa	Mikhail Zusko huwa mexxej militari Russu, Kap tal-Persunal tar-Russian Force Grouping "West". Il-Grouping "West" jipparteċipa fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Bħala Kap tal-Persunal tar-Russian Force Grouping "West", huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-unità tiegħu. Għalhekk Mikhail Zusko huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza fl-Ukrajna, u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1467.	Mikhail Yuryevich TEPLINSKIY (Михаил Юрьевич ТЕПЛИНСКИЙ)	Funzjoni: Mexxej militari Russu – Kurunell Ġeneral Kmandant tal-Airborne Forces of the Armed Forces of the Russian Federation Data tat-twelid: 9.1.1969 Post tat-twelid: Mospino, Donetsk oblast, eks Ukrainian SSR (illum Ukraine) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa	Mikhail Teplinskiy huwa mexxej militari Russu, u Kap tal-Airborne Forces of the Armed Forces tal-Federazzjoni Russa. L-Airborne Forces of the Armed Forces tal-Federazzjoni Russa ipparteċipaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u kienu fuq il-post fejn seħħ l-isparar fuq ir-residenti ta' Bucha. Bħala l-Kmandant tal-Airborne Forces of the Armed Forces tal- Federazzjoni Russa, huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-unità tiegħu. Għalhekk Mikhail Teplinskiy huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza fl-Ukrajna, u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1468.	Nikolay Mikhailovich PARSHIN (Николай Михайлович ПАРШИН)	Funzjoni: Mexxej militari Russu – Logutenent Ġeneral Kap tal-Main Rocket and Artillery Directorate of the Ministry of Defense of the Russian Federation Data tat-twelid: 20.12.1962 Post tat-twelid: Il-villaġġ ta' Mordovskoye-Kolomasovo, l-eks Mordovian ASSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa	Nikolay Parshin huwa mexxej militari Russu, u Kap tal-Main Rocket and Artillery Directorate tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, l-armata Russa użat ta' spiss missili kontra miri militari u ċivili. Bħala l-Kap tal-Main Rocket and Artillery Directorate tal-Ministeru għad-Difiża Federazzjoni Russa, huwa responsabbli għall-bumbardamenti fuq l-Ukrajna. Għalhekk Nikolay Parshin huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1469.	Oleg Yurievich TSOKOV (Олег Юрьевич ЦОКОВ)	Funzjoni: Mexxej militari Russu – Maġġur Ġeneral Kmandant tal-144th Motor Rifle Division of the 20th Combined Arms Army of the Armed Forces of the Russian Federation Data tat-twelid: 23.9.1971 Post tat-twelid: l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa	Oleg Tsokov huwa mexxej militari Russu, u Kmandant tal-144th Motor Rifle Division of the 20th Combined Arms Army tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Il-144th Motor Rifle Division of the 20th Combined Arms Army tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa ħadet sehem fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Bħala l-Kmandant tal-144th Motor Rifle Division of the 20th Combined Arms Army tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-unità tiegħu. Għalhekk Oleg Tsokov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1470.	Ramil Rakhmatulovich IBATULLIN (Рамиль Рахматуллович ИБАТУЛЛИН)	Funzjoni: Mexxej militari Russu – Maġġur Ġeneral Kmandant tan-90th Guards Tank Division Data tat-twelid: 22.10.1976 Post tat-twelid: Bagishevo, Apastovsky District, Tatarstan, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa	Ramil Ibatullin huwa mexxej militari Russu, u Kmandant tan-90th Guards Tank Division. In-90th Guards Tank Division ħadet sehem fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Bħala Kmandant tan-90th Guards Tank Division, huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-unità tiegħu. Għalhekk Ramil Ibatullin huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1471.	Sergey Viktorovich KARAKAEV (Сергей Викторович КАРАКАЕВ)	Funzjoni: Mexxej militari Russu – Kurunell Ġeneral Kmandant tas-Strategic Missile Forces Data tat-twelid: 4.6.1961 Post tat-twelid: Il-villaġġ ta' Ivano-Slyusarevka, Krasnodar Territory, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa	Sergey Karakaev huwa mexxej militari Russu, u Kmandant tas-Strategic Missile Forces tal-Federazzjoni Russa. Il-missili militari Russi laqtu b'mod massiv l-infrastrutturi ċivili, b'mod partikolari l-provvisti tal-enerġija u tal-ilma - madwar l-Ukrajna. Bħala Kmandant tas-Strategic Missile Forces, huwa responsabbli għall-bumbardament strateġiku tal-infrastrutturi ċivili fl-Ukrajna. Għalhekk Sergey Karakaev huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1472.	Lenara Khakimovna IVANOVA (Ленара Хакимовна ИВАНОВА)	Funzjoni: Viċi Prim Ministru tal-gvern tar-Repubblika ta' Bashkortostan u Ministru għall-Familja, ix-Xogħol u l-Protezzjoni Soċjali tar-Repubblika ta' Bashkortostan Nazzjonalità: Russa Data tat-twelid: 31.12.1969 Post tat-twelid: Neftekamsk, Bashkir l-eks ASSR, l-eks USSR (illum Russian Federation) Sess: mara	Lenara Ivanova hija l-Viċi Prim Ministru tal-Gvern tar-Repubblika ta' Bashkortostan, u l-Ministru għall-Familja, ix-Xogħol u l-Protezzjoni Soċjali tar-Repubblika ta' Bashkortostan. F'dawk ir-rwoli, hija kienet responsabbli għad-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn il-Federazzjoni Russa. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, ir-Russja ttrasferiet ħafna persuni ċivili Ukreni lejn żoni okkupati mir-Russja jew lejn ir-Russja nnifisha, filwaqt li spiss evitat jew impediet li dawn il-persuni ċivili jkollhom passaġġ sikur lejn partijiet mhux okkupati tal-Ukrajna. Lenara Ivanova hija waħda mill-persuni ewlenin involuti fid-deportazzjoni ta' tfal Ukreni bil-forza lejn ir-Russja u l-adozzjoni illegali sussegwenti tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet ta' Lenara Khakimovna Ivanova jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk, Lenara Ivanova hija responsabbli għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1473.	Vyacheslav Vyacheslavovich DUKHIN magħruf ukoll bħala: Vyacheslav DUHIN (Вячеслав Вячеславович ДУХИН)	Funzjoni: Viċi Kap tal-Moscow Oblast Duma Nazzjonalità: Russa Data tat-twelid: 30.6.1980 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Sess: raġel	Vyacheslav Dukhin huwa l-viċi kap tal-Moscow Oblast Duma. F'dik il-kapaċità, Vyacheslav Dukhin jikkontribwixxi direttament għad-deportazzjoni u l-adozzjoni illegali ta' tfal Ukreni. Huwa jiffaċilita l-adozzjoni illegali ta' tfal Ukreni f'familji li jgħixu fir-reġjun tiegħu u fittex li tingħata ċittadinanza Russa għal dawk it-tfal Ukreni deportati illegalment. L-attivitajiet imwettqa minn Vyacheslav Dukhin jagħmlu parti minn strateġija usa' tal-Federazzjoni Russa li tiddeporta illegalment ċittadini Ukreni. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, ir-Russja ttrasferiet ħafna persuni ċivili Ukreni lejn żoni okkupati mir-Russja jew lejn ir-Russja nnifisha filwaqt li spiss evitat jew impediet li dawk il-persuni ċivili jkollhom passaġġ sikur lejn partijiet mhux okkupati tal-Ukrajna. Vyacheslav Dukhin huwa wieħed mill-persuni ewlenin involuti fid-deportazzjoni ta' tfal Ukreni bil-forza lejn ir-Russja u l-adozzjoni illegali sussegwenti tagħhom f'familji Russi. L-azzjonijiet ta' Vyacheslav Dukhin jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk, Vyacheslav Dukhin huwa responsabbli għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1474.	Tatiana Nikolaevna MOSKALKOVA (Татьяна Николаевна МОСКАЛЬКОВА)	Funzjoni: Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Federazzjoni Russa Nazzjonalità: Russa Data tat-twelid: 30.5.1955 Post tat-twelid: Vitebsk, l-eks Byelorussian SSR (illum Belarus) Sess: mara Post suspettat: Moscow, Russian Federation	Tatiana Moskalkova hija l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Federazzjoni Russa. F'dik il-kapaċità, hija sservi bħala interlokutur ewlieni tal-gvern, billi tippromwovi b'mod attiv narrattivi uffiċjali li jiċħdu l-eżistenza ta' prattiki ta' "filtrazzjoni" u deportazzjoni Russi implimentati fil-konfront tal-popolazzjoni Ukrena. Sorsi awtorevoli jikkonfermaw li l-kampijiet "ta' filtrazzjoni" jagħmlu parti minn sforz monumentali Russu biex "jiffiltraw" il-popolazzjoni Ukrena bħala mezz kif irażżnu r-reżistenza Ukrena u jinfurzaw il-lealtà fost il-kumplament tal-popolazzjoni. Bħala parti mill-operazzjonijiet ta' "filtrazzjoni" tar-Russja, il-forzi u l-proxies tar-Russja wettqu interrogazzjonijiet, detenzjonijiet, u deportazzjonijiet bil-forza fuq bejn 900,000 u 1,6 miljun ċittadin Ukren, inkluż eluf ta' tfal. Fid-diversi dehriet pubbliċi tagħha, Tatiana Moskalkova ċaħdet b'mod kontinwu li qed issir id-deportazzjoni ta' ċittadini Ukreni, u b'hekk xerrdet b'mod attiv diżinformazzjoni f'isem il-Gvern tal-Federazzjoni Russa u għall-benefiċċju tiegħu. Għalhekk, Tatiana Moskalkova hija responsabbli għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1475.	Viktoria Vyacheslavovna YAKIMOVA (Виктория Вячеславовна ЯКИМОВА	Funzjoni: President tal-Bord tal-Gulfstream Foundation u kontributur għall-hekk imsejħa azzjoni "ta' karità" tar-Russja "Into the Hands of Children" Nazzjonalità: Russa Post tat-twelid: Rovenky, Ukraine Sess: mara Entitajiet assoċjati: Gulfstream Foundation	Viktoria Yakimova hija waħda mill-kontributuri ewlenin għall-hekk imsejħa "missjoni umanitarja" tar-Russja bl-isem "Into the Hands of Children". Fil-qafas tal-azzjoni "Into the Hands of Children", l-awtoritajiet Russi – immexxija mill-Kummissjoni Russa għad-Drittijiet tat-Tfal – fittxew li jiddeportaw u jpoġġu għall-adozzjoni b'mod illegali tfal Ukreni bl-iskuża ta' "assistenza umanitarja" matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. F'diversi dehriet pubbliċi, Viktoria Yakimova kkonfermat li hija kontributur attiv għall-azzjoni "Into the Hands of Children". Regolarment isservi bħala kelliem ewlieni għall-hekk imsejħa "missjoni umanitarja". Huwa importanti l-fatt li, mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, ir-Russja ttrasferiet ħafna persuni ċivili Ukreni lejn żoni okkupati mir-Russja jew lejn ir-Russja nnifisha filwaqt li spiss evitat jew impediet li dawk il-persuni ċivili jkollhom passaġġ sikur lejn partijiet mhux okkupati tal-Ukrajna. Viktoria Yakimova hija waħda mill-persuni ewlenin involuti fid-deportazzjoni ta' tfal Ukreni bil-forza lejn ir-Russja u l-adozzjoni illegali sussegwenti tagħhom f'familji Russi. L-azzjonijiet ta' Viktoria Yakimova jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk, Viktoria Yakimova hija responsabbli għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1476	Hayk Arsenovich GASPARYAN magħruf ukoll bħala Ayk Arsenovich GASPARYAN magħruf ukoll bħala "Abrek" Айк Арсенович ГАСПАРЯН	Data tat-twelid: 20.7.1991 Nazzjonalità: Armena Sess: raġel Kariga: Kmandant tal-forzi tal-attakk tal-Wagner Group matul il-battalja ta' Soledar fl-Ukrajna	Hayk Gasparyan, magħruf bħala "Abrek", huwa l-kmandant tal-forzi tal-attakk tal-Wagner Group fl-Ukrajna. Huwa serva bħala kmandant tal-forzi matul il-battalja ta' Soledar, fir-reġjun ta' Donetsk tal-Ukrajna, f'Jannar 2023 u ngħata Ordni tal-Kuraġġ għall-qlubija fil-kamp tal-battalja għall-parteċipazzjoni tiegħu fl-isforz tal-gwerra fl-Ukrajna mill-President tal-Federazzjoni Russa fil-31 ta' Diċembru 2022. F'din il-pożizzjoni, huwa direttament responsabbli għall-koordinazzjoni u l-ippjanar tal-operazzjonijiet bħala parti mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1477.	Anton Olegovich ELIZAROV magħruf ukoll bħala YELIZAROV Антон Олегович ЕЛИЗАРОВ	Data tat-twelid: 1981 Post tat-twelid: Rostov Oblast, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Kariga: Kmandant militari tal-Wagner Grupp	Anton Elizarov, isem sigriet "Lotus", huwa l-kmandant militari tal-unità ta' Wagner responsabbli għall-qbid tal-belt Ukrena ta' Soledar f'Jannar 2023. F'din il-pożizzjoni, huwa responsabbli għall-koordinazzjoni u l-ippjanar tal-operazzjonijiet u għall-iskjerament tal-merċenarji. Huwa jipparteċipa b'mod attiv fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.';	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1478.	Alexandr Semenovich BROD (Александр Семёнович БРОД)	Funzjoni: Membru tal-Presidential Council for the Development of Civil Society and Human Rights President tal-kunsill ta' koordinazzjoni tal-organizzazzjoni pubblika pan-Russa "Lawyers for the rights and worthy life of a person" Data tat-twelid: 19.8.1969 Post tat-twelid: Kuibyshev, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexandr Brod huwa avukat Russu u difensur tad-drittijiet tal-bniedem leali lejn il-Kremlin. Huwa membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, huwa ġġustifika l-invażjoni mir-Russja, u xerred propaganda u diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerra. Huwa ċaħad ir-responsabbiltà tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa għal delitti tal-gwerra mwettqa f'Bucha, u akkuża b'mod falz lill-forzi Ukreni bil-massakru. Huwa xerred ukoll misinformazzjoni dwar delitti Nażisti allegati mwettqa mill-Gvern tal-Ukrajna kontra l-poplu tiegħu stess. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Individwi assoċjati: il-President Vladimir Putin. Entitajiet assoċjati: Presidential Council for the Development of Civil Society and Human Rights L-organizzazzjoni pubblika pan-Russa "Lawyers for the rights and worthy life of a person"		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1479.	Valery Aleksandrovich FADEYEV (Валерий Алексаандрович ФАДЕЕВ)	Funzjoni: Ġurnalist, eks-segretarju tas-Civic Chamber of the Russian Federation, President attwali tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights Data tat-twelid: 10.10.1960 Post tat-twelid: Tashkent, l-eks Uzbek SSR (illum Uzbekistan) Nazzjonalità: Russa	Valery Fadeyev huwa l-president tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights. Huwa għen biex dak il-korp jiġi subordinat għal-linja politika tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa mal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Huwa konsulent ta' Vladimir Putin. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, huwa ġġustifika l-invażjoni mir-Russja, u xerred diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerra u propaganda dwar il-gwerra. Huwa appoġġa l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mill-Federazzjoni Russa fl-2014, u r-referenda illegali fit-territorji okkupati temporanjament tal-Ukrajna fl-2022. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Sess: raġel Individwi assoċjati: il-President Vladimir Putin Entitajiet assoċjati: Presidential Council for the Development of Civil Society and Human Rights		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1480.	Igor Stanislavovich ASHMANOV (Ѝгорь Станисла́вович АШИМА́НОВ)	Funzjoni: Membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights, espert tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni, Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Ashmanov &Partners, President ta' Kribrum Data tat-twelid: 9.1.1962 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation)	Igor Ashmanov huwa imprenditur Russu espert fl-IT. Huwa membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights. Huwa kien persuna ta' fiduċja tal-kandidat fil-kariga Vladimir Putin matul il-kampanja presidenzjali tiegħu fl-2018. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, huwa ġġustifika l-invażjoni mir-Russja, u xerred propaganda u diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerra. Huwa kien favur li tissaħħaħ iċ-ċensura tal-gwerra fil-Federazzjoni Russa. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Valery Fadeyev Entitajiet assoċjati: Presidential Council for Civil Society and Human Rights Ashmanov & Partners, Kribrum		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1481.	Kirill Valeryevich VYSHINSKY (bir-Russu: Кирилл Валериевич ВЫШИНСКИЙ; bl-Ukren: Кирило Валерійович ВИШИНСЬКИЙ)	Funzjoni: Membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights, Direttur Eżekuttiv tar-Rossiya Segodnya Media Group Data tat-twelid: 19.2.1967 Post tat-twelid: Dnipro, l-eks Ukrainian SSR (illum Ukraine) Nazzjonalità: Russa, Ukrena Sess: raġel Individwi assoċjati: Valery Fadeyev	Kirill Vyshinsky huwa propagandista Russu. Huwa direttur eżekuttiv ta' Rossiya Segodnya, grupp tal-media b'rabta mal-gvern Russu li huwa ffinanzjat mill-baġit federali tal-Federazzjoni Russa. Permezz tal-mezz tal-media subordinat tagħha, Sputnik, Rossiya Segodnya xerrdet propaganda favur il-Kremlin u diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Kirill Vyshinsky huwa wkoll membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1482.	Alexandr Igorevich KOTS (Алексáндр Йгоревич КОЦ)	Funzjoni: Membru tal-Kunsill Presidenzjali għas-Soċjetà Ċivili u d-Drittijiet tal-Bniedem, Membru tal-grupp ta' ħidma dwar l-"operazzjoni militari speċjali" (gwerra) fl-Ukrajna, Korrispondent speċjali ta' Komsomolskaya Pravda Data tat-twelid: 3.11.1978 Post tat-twelid: Sakhalinsk Oblast, l-eks USSR (illum Russian Federation)	Alexandr Kots huwa korrispondent speċjali tat-tabloid favur il-Kremlin, Komsomolskaya Pravda. Huwa membru tal-Presidential Council for the Development of Civil Society and Human Rights, fejn huwa parti mill-grupp ta' ħidma dwar l-"operazzjoni militari speċjali" (gwerra) fl-Ukrajna. Huwa appoġġa l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa xerred diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerra u propaganda dwar il-gwerra u r-referenda illegali fit-territorji okkupati temporanjament tal-Ukrajna. Huwa appella għal attakki Russi fuq l-infrastruttura ċivili tal-Ukrajna mingħajr ebda ħsieb dwar kif dan jaffettwa l-popolazzjoni ċivili tal-pajjiż. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Valery Fadeyev Entitajiet assoċjati: Presidential Council for Civil Society and Human Rights Komsomolskaya Pravda		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1483.	Marina Magomednebiyevna AKHMEDOVA (Марина Магомеднебиевна АХМЕДОВА)	Funzjoni: Kittieba u ġurnalista, Editriċi tal-edizzjoni online ta' Regnum, Viċi-Kap Editriċi tar-rivista Russkiy Reporter, Membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights	Marina Akhmedova hija kittieba Russa. Hija membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights, fejn hija parti mill-grupp ta' ħidma dwar l-"operazzjoni militari speċjali" (gwerra) fl-Ukrajna. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, hija appoġġat l-invażjoni mir-Russja, u xerrdet propaganda u diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerra. Għalhekk, hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Data tat-twelid: 11.2.1977 Post tat-twelid: Tomsk, l-eks USSR (illum Russian Federation)Nazzjonalità: Russa Sess: mara Entitajiet assoċjati: Presidential Council for Civil Society and Human Rights Regnum		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1484.	Maxim Adolfovich ZAMSHEV (Максим Адольфович ЗАМШЕВ)	Funzjoni: Membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights Kap editur ta' Literaturnaya Gazeta, Viċi President tal-bord tal-fergħa ta' Moska tal-Unjoni tal-Union of Writers of Russia, Membru tal-Union of Journalists of Russia	Maxim Zamshev huwa kittieb Russu. Huwa membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights. Huwa wkoll il-kap editur ta' Literaturnaya Gazeta. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, huwa appoġġa l-invażjoni mir-Russja, u xerred propaganda u diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerra. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Data tat-twelid: 27.4.1972 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Valery Fadeyev Entitajiet assoċjati: Presidential Council for Civil Society and Human Rights, l-organizzazzjoni pubblika pan-Russa tal-Union of Writers of Russia, Literaturnaya Gazeta		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1485.	Nikolai Fyodorovich IVANOV (Никола́й Фёдорович ИВАНО́В)	Funzjoni: Membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights, President tal-Bord tal-organizzazzjoni pubblika pan-Russa "Union of Writers of Russia" Data tat-twelid: 8.6.1956 Post tat-twelid: Strachovo, Briansk Oblast, l-eks USSR (illum Russian Federation)	Nikolai Ivanov huwa kittieb u propagandist Russu. Huwa membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights. Huwa wkoll president tal-bord tal-Union of Writers of Russia. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, huwa appoġġa l-azzjonijiet tar-Russja, u xerred propaganda u diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerra. Huwa uża pubblikament is-simbolu militari "Z", li ntuża mill-propaganda Russa biex tippromwovi l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Valery Fadeyev Entitajiet assoċjati: Presidential Council for Civil Society and Human Rights, l-organizzazzjoni pubblika pan-Russa "Union of Writers of Russia"		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1486.	Yulia Alexandrovna BELEKHOVA (Юлия Александровна БЕЛЕХОВА)	Funzjoni: Membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights, Kap tal-grupp ta' ħidma dwar l-"operazzjoni militari speċjali" (gwerra) fl-Ukrajna, Kap tal-fergħa reġjonali ta' Moska tal-koalizzjoni politika favur Putin, l-All-Russia People's Front.	Yulia Belekhova hija membru tal-Kunsill Presidenzjali għas-Soċjetà Ċivili u d-Drittijiet tal-Bniedem, u president tal-grupp ta' ħidma tal-Kunsill dwar l-"operazzjoni militari speċjali" (gwerra) fl-Ukrajna. Hija wkoll kap tal-fergħa reġjonali ta' Moska tal-All-Russia People's Front li huwa favur Putin. Hija appoġġat il-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna u pparteċipat f'avvenimenti ta' propaganda b'appoġġ għall-gwerra. Għalhekk, hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Data tat-twelid: 10.11.1982 Post tat-twelid: Noginsk, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara Entitajiet assoċjati: Presidential Council for Civil Society and Human Rights		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1487.	Vyacheslav Oleksandrovych BOGUSLAYEV (Вячесла́в Алекса́ндрович БОГУСЛА́ЕВ)	Funzjoni: Direttur ġenerali ta' JSC MOTOR SICH, Eks membru tal-parlament Ukren Data tat-twelid: 28.10.1938 Post tat-twelid: Oral/ Uralsk, l-eks USSR (illum Kazachstan) Nazzjonalità: Ukrena, Russa Sess: raġel.	Vyacheslav BOGUSLAYEV huwa eks deputat Ukren tal-partit pro-Russu tar-reġjuni u azzjonist ewlieni tal-kumpanija JSC MOTOR SICH, manifattur Ukren tal-magni tal-inġenji tal-ajru. Huwa responsabbli għall-forniment ta' magni lill-armata Russa għall-produzzjoni u t-tiswija ta' ħelikopters tal-ġlied (Mi-8, Mi24, Mi28 u Ka-52), li ntużaw b'mod estensiv matul il-kunflitt fl-Ukrajna, speċjalment fil-bidu tal-gwerra. Huwa kompla jipprovdi tagħmir militari lit-truppi Russi minkejja l-kunflitt. Għaldaqstant huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1488.	Abualfazl NAZERI (ابو الفضل نظری)	Funzjoni: Viċi Kap tal-Bord ta' Paravar Pars Company Data tat-twelid: 14.9.1969 Post tat-twelid: Shahryar, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tad-dokument tal-identità: 4910857826 (Iran) Entitajiet assoċjati: Paravar Pars Company	Abualfazl Nazeri huwa l-Viċi Kap tal-Bord ta' Paravar Pars Company, li pproduċiet Inġenji tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAVs) għall-Forza Ajruspazjali (IRGC AF) tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) u ttestjat UAVs għall-Forza Navali tal-IRGC. B'mod partikolari, Paravar Pars Company kienet involuta fir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-UAV Shahed-171 Iranjan żviluppat mill-IRGC AF. L-UAVs Shahed-171 prodotti fl-Iran jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fil-kariga tiegħu, huwa b'hekk responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1489.	Abulghasem VALAGOHAR (Abolghasem VALAGOHAR, Abualqassem VALAGOHAR)	Funzjoni: Membru tal-Bord tal-Paravar Pars Company Data tat-twelid: 5.8.1969 Post tat-twelid: Behbahan, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tad-dokument tal-identità: 1860747957 (l-Iran) Entitajiet assoċjati: Paravar Pars Company	Abulghasem VALAGOHAR huwa membru tal-Bord ta' Paravar Pars Company, li pproduċiet Inġenji tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAVs) għall-Forza Ajruspazjali (IRGC AF) tal- Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) u ttestjat UAVs għall-Forza Navali tal-IRGC. B'mod partikolari, Paravar Pars Company kienet involuta fir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-UAVs Shahed-171 Iranjan żviluppati mill-IRGC AF. L-UAVs Shahed-171 prodotti fl-Iran jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fil-kariga tiegħu, huwa b'hekk responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1490.	Hossein SHAMSABADI	Funzjoni: Direttur Maniġerjali u CEO ta' Paravar Pars Company Data tat-twelid: 4.6.1974 Post tat-twelid: Tehran, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tad-dokument tal-identità: 2181176574 (l-Iran) Entitajiet assoċjati: Paravar Pars Company	Hossein Shamsabadi huwa d-Direttur Maniġerjali u l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Paravar Pars Company, li pproduċiet Inġenji tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAVs) għall-Forza Ajruspazjali (IRGC AF) tal-IRGC u ttestjat UAVs għall-Forza Navali tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC). B'mod partikolari, Paravar Pars Company kienet involuta fir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-UAVs Shahed-171 Iranjan żviluppati mill-IRGC AF. L-UAVs Shahed-171 prodotti fl-Iran jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fil-kariga tiegħu, huwa b'hekk responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1491.	Ghassem DAMAVANDIAN (قاسم دماوندیان)	Funzjoni: Membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Qods Aviation Industries Data tat-twelid: 2.5.1968 Post tat-twelid: Tehran, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tad-dokument tal-identità: 0052944492 (l-Iran) Entitajiet assoċjati: Qods Aviation Industries	Ghassem Damavandian huwa l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv u d-direttur maniġerjali ta' Qods Aviation Industry (QAI), entità li qed tbiegħ drones Mohajer-6 lir-Russja sabiex jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna. Fil-kariga tiegħu, huwa b'hekk responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1492.	Kirill Alekseevich KLEIMENOV (Кирилл Алексеевич КЛЕЙМЕНОВ)	Funzjoni: Viċi Direttur Ġenerali, Direttur tal-Information Programmes Directorate, Membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Channel One (Pervyi Kanal) Data tat-twelid: 20.9.1972 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Kirill Kleimenov huwa Viċi Direttur Ġenerali, Direttur tad-Information Programmes Directorate u Membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Pervyi Kanal (Channel One), stazzjon televiżiv Russu ewlieni li huwa taħt il-kontroll dirett permanenti tal-Federazzjoni Russa. Pervyi Kanal jamplifika u jappoġġa l-politiki tal-awtoritajiet Russi permezz tal-attivitajiet ta' propaganda tiegħu. Matul il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, Pervyi Kanal kien fost l-aktar strumenti attivi u prominenti fit-tixrid tan-narrattiva tal-Kremlin li tappoġġa l-gwerra b'kummentarji aggressivi u li jdgħajfu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, tappoġġa l-annessjoni illegali tal-Krimea, u l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Individwi assoċjati: Konstantin Ernst - Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Channel One, Russia		
		Entitajiet assoċjati: Channel One (Pervyi Kanal) 19 Akademika Korolyova Street Moscow 127427 Russian Federation Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: Eks preżentatur televiżiv ta' xandira tal-aħbarijiet "Новости" fuq Channel One (Pervyi Kanal); Membru tal-Kunsill għall-għoti ta' premjijiet	Bħala Viċi Direttur Ġenerali u Direttur tad-Information Programmes Directorate Kirill Kleimenov għandu influwenza diretta fuq il-kontenut fuq Pervyi Kanal u l-mod kif jirrapporta dwar il-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u l-azzjonijiet meħuda mill-gvern Russu. Huwa għalhekk jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		tal-Gvern tar-Russian Federation fil-qasam tal-media tal-massa		
1493.	Alexander Zavenovich AKOPOV (Александр Завенович АКОПОВ)	Funzjoni: Viċi Uffiċjal Kap Eżekuttiv tan-"National Media Group" Data tat-twelid: 22.11.1957 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: BALANOVA Svetlana Evgenievna БАЛАНОВА Светлана	Alexander Akopov huwa l-Viċi Uffiċjal Eżekuttiv ta' National Media Group (NMG), kumpanija kbira tal-media li tikkontrolla strumenti tal-media li qed ixerrdu b'mod attiv propaganda u diżinformazzjoni relatati mal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Huwa l-Viċi ta' Svetlana Balanova, il-kap tan-NMG. In-NMG huwa l-fundatur ta' 28 impriża tal-media fir-Russja, inkluż Channel One, Channel 5, REN TV u STS, 78.ru u oħrajn, il-gazzetta nazzjonali Izvestia, u Delovoy Peterburg. Minbarra li huwa l-Viċi Uffiċjal Kap Eżekuttiv tan-NMG, Alexander Akopov huwa wkoll Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' STS, wieħed mill-istazzjonijiet televiżivi ewlenin tal-kumpanija NMG.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Евгеньевна Uffiċjal Kap Eżekuttiv tan-"NATIONAL MEDIA GROUP"		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Elenkata fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK fis-16.12.2022 KABAYEVA Alina Maratovna КАБАЕВА Алина Маратовна President tal-Bord tad-Diretturi ta' CJSC National Media Group Elenkata fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK fit-03.06.2022 Entitajiet assoċjati: National Media Group, Numru tar-reġistrazzjoni: 1087746152207 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7704676655	Peress li huwa wieħed mill-eżekuttivi ewlenin tan-NMG, Alexander Akopov huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki, li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' Svetlana Balanova	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Indirizz: 119034, Moscow, Prechistenskaya embankment, 13, building 1, Russia Elenkat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK fis-16.12.2022 Gas Industry Insurance Company SOGAZ - sid minoritarju ta' REN TV Numru tar-reġistrazzjoni - 1027739820921 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa - 7736035485 Indirizz: 107078, Moscow, Academician Sakharova Ave., 10, Russia Elenkat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK fit-28.02.2022		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1494.	Evgeniy Vladimirovich BEKASOV (Евгений Владимирович БЕКАСОВ)	Funzjoni: Kap editur tal-istazzjon televiżiv Rossiya 24 Data tat-twelid: 14.10.1980 Post tat-twelid: Kaliningrad, eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Oleg Borisovich DOBRODEEV/Олег Борисович ДОБРОДЕЕВ, Direttur Ġenerali ta' VGTRK. Elenkat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK fit-8 ta' April 2022. Andrey Olegovich KONDRASHOV/Андрей Олегович КОНДРАШОВ, l-Ewwel Viċi Direttur Ġenerali ta' VGTRK. Entitajiet assoċjati: Всероссийская	Evgenyi Bekasov huwa l-Kap Editur ta' Rossiya 24, stazzjon televiżiv Russu ewlieni li huwa parti minn VGTRK (Kumpanija tax-Xandir bit-Televiżjoni u r-Radju kompletament tal-Istat Russu), kumpanija tal-media proprjetà tal-Federazzjoni Russa u kkontrollata minnha. Rossiya 24 jamplifika u jappoġġa l-politiki tal-awtoritajiet Russi permezz tal-attivitajiet ta' propaganda tiegħu. Matul il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, Rossiya 24 kien fost l-aktar strumenti attivi u prominenti fit-tixrid tan-narrattiva tal-Kremlin li tappoġġa l-gwerra b'kummentarji aggressivi u li jdgħajfu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, tappoġġa l-annessjoni illegali tal-Krimea, u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Bħala kap editur ta' Rossiya 24, huwa għandu influwenza diretta fuq il-mod kif l-istrument tal-media jirrapporta dwar il-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u dwar l-azzjonijiet meħuda mill-gvern Russu. Huwa għalhekk jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		государственная телевизио́нная и радиовеща́тельная компа́ния (ВГТРК)		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		All-Russia StateTelevision and Radio Broadcasting Company (VGTRK) Numru tar-reġistrazzjoni - 1027700310076 Indirizz: 125373, Moscow, Pokhodnyy Proyezd 3-2, Russia 125373, Москва город, Походный проезд, домовладение 3, стр.2, Россия Elenkat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK fis-16.12.2022		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1495.	Milosh Eduardovich WAGNER (Милош Эдуардович ВАГНЕР)	Funzjoni: Viċi kap tas-Servizz Federali Russu għas-Superviżjoni tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni tal-Komunikazzjoni u l-Media tal-Massa (Roskomnadzor) Data tat-twelid: 14.10.1979 Post tat-twelid: Ukhta, Komi Republic, eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Andrey Yurievich Lipov Entitajiet assoċjati: Roskomnadzor	Milosh Wagner, huwa l-viċi kap tar-Russian Federal Service for Supervision of Communications Information Technology and Mass Media (Roskomnadzor). Roskomnadzor hija aġenzija tal-istat Russa responsabbli għall-komunikazzjoni, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-media tal-massa. Hija implimentat il-politika tal-istat ta' ċensura lejn entitajiet tal-media indipendenti. Bħala d-deputat kap ta' Roskomnadzor, Milosh Wagner jissorvelja d-dipartiment tal-Protezzjoni tad-Drittijiet tas-Suġġetti tad-Data Personali u l-Uffiċċju għall-Appoġġ Legali. Huwa responsabbli għal deċiżjonijiet li wasslu għal limitazzjoni tal-aċċess għall-informazzjoni għas-soċjetà Russa, is-sorveljanza tal-utenti Russi tal-internet u l-għeluq ta' strumenti tal-media Russi indipendenti. Dawk l-azzjonijiet joħolqu spazju ta' informazzjoni ċċensurat li jippromwovi, jgħin u japprova l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Milosh Wagner huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1496.	Vladimir Viktorovich LOGUNOV (Владимир Викторович ЛОГУНОВ)	Funzjoni: Viċi kap tas-Servizz Federali Russu għas-Superviżjoni tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni tal-Komunikazzjoni u l-Media tal-Massa (Roskomnadzor) Data tat-twelid: 1.11.1982 Nazzjonalità Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Andrey Yurievich Lipov Entitajiet assoċjati: Roskomnadzor Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: Aġent Kunsillier tal-Istat tar-Russian Federation, it-tieni klassi	Vladimir LOGUNOV huwa l-viċi kap tar-Russian Federal Service for Supervision of Communications Information Technology and Mass Media (Roskomnadzor). Roskomnadzor hija aġenzija tal-istat Russa responsabbli għall-komunikazzjoni, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-media tal-massa. Hija implimentat il-politika tal-istat ta' ċensura lejn entitajiet tal-media indipendenti. Bħala d-deputat kap ta' Roskomnadzor, Vladimir Logunov jissorvelja d-dipartimenti tal-finanzi, l-amministrazzjoni u l-loġistika u huwa strumentali fil-funzjonament ta' Roskomnadzor. Huwa appoġġa l-liġi "On the activities of foreign entities on the "Internet" telecommunications network in the territory of the Russian Federation" li żiedet il-firxa taċ-ċensuri tal-istat fuq il-kumpaniji tal-internet. Huwa responsabbli għal deċiżjonijiet li llimitaw l-aċċess tas-soċjetà Russa għall-informazzjoni. Dawk l-azzjonijiet ħolqu spazju ta' informazzjoni ċċensurat li jippromwovi, jgħin u jiġġustifika l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għalhekk, Vadim Logunov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	
1497.	Yakov Iosifovich KAZAKOV magħruf ukoll bħala Yaakov KEDMI Yasha KAZAKOV (Яков Иосифович КАЗАКОВ)	Funzjoni: eks politiku, diplomatiku, kummentatur politiku, parteċipant regolari fuq it-televiżjoni tal-Istat u fuq programmi ta' taħdit favur il-Kremlin Data tat-twelid: 05.03.1947 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Iżraeljana Sess: raġel	Yakov Kedmi (Kazakov) huwa kummentatur politiku u parteċipant regolari fuq it-televiżjoni tal-Istat u fuq programmi ta' taħdit favur il-Kremlin. L-istqarrijiet tiegħu dwar l-Ukrajna jaqblu mal-aktar qlajjiet kontroversjali tal-uffiċjali u propagandisti Russi. Yaakov Kedmi (Kazakov) ikkritika lill-Ukrajna, akkuża t-tmexxija Ukrena b'Nażiżmu, u li hija ta' theddida militari għall-hekk imsejħa Repubbliki tal-Popli ta' Donetsk u ta' Luhansk u għar-Russja. Huwa ġġustifika l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, billi qal li kienet inevitabbli. Yakov Kedmi (Kazakov) stqarr li jeħtieġ li r-Russja tikkontrolla t-territorji Ukreni u qajjem dubji dwar il-punt li l-Ukrajna hija stat. Huwa sostna li kull territorju tal-Ukrajna li jibqa' taħt il-kontroll tal-Ukrajna ser ikun ta' theddida għar-Russja, billi jsir bażi militari biex jintuża kontra r-Russja. Huwa ma eskludiex l-għażla li l-armata Russa tokkupa l-Ukrajna kollha, u b'hekk teqred kompletament l-armata Ukrena u twaqqa' t-tmexxija Ukrena attwali.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għaldaqstant Yakov Kedmi (Kazakov) huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	
1498.	Sergey Yervandovich KURGINYAN (Сергей Ервандович КУРГИНЯН)	Funzjoni: Politiku Russu, xjentist politiku, fundatur u mexxej ta' moviment Russu Essence of Time. Data tat-twelid: 14.11.1949 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Kurginyan huwa politiku Russu, xjentist politiku, fundatur u mexxej ta' moviment Russu msejjaħ "Essence of Time". Sergey Kurginyan jipparteċipa regolarment fi programmi ta' propaganda favur il-Kremlin, inkluż "Evening with Vladimir Solovyov" fuq l-istazzjon televiżiv tal-istat "Russia-1". L-istqarrijiet pubbliċi tiegħu dwar l-Ukrajna jikkorrispondu mar-retorika tal-uffiċjali u l-propagandisti Russi. Sergey Kurginyan sistematikament jiddubita l-integrità territorjali tal-Ukrajna, appella għall-okkupazzjoni u d-denażifikazzjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Huwa esprima pubblikament appoġġ għar-referenda fittizji tar-Russja għall-inklużjoni tat-territorji sovrani Ukreni fir-Russja. Għalhekk Sergey Kurginyan huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1499.	Vitaliy Tovievich TRETYAKOV (Виталий Товиевич ТРЕТЬЯКОВ)	Funzjoni: Ġurnalist u xjentist politiku Russu, Dekan tal-Higher School of Television fl-M. V. Lomonosov Moscow State University. Data tat-twelid: 2.1.1953 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vitaliy Tretyakov huwa ġurnalist u xjentist politiku Russu, Dekan tal-Higher School of Television fl-M. V. Lomonosov Moscow State University. Vitaliy Tretyakov jipparteċipa b'mod sistematiku fi programmi ta' propaganda favur il-Kremlin, inkluż "Evening with Vladimir Solovyov" fuq l-istazzjon televiżiv tal-istat "Russia-1". Id-dikjarazzjonijiet pubbliċi tiegħu dwar l-Ukrajna jikkorrispondu mar-retorika tal-uffiċjali u l-propagandisti Russi. Vitaliy Tretyakov jiġġustifika kontinwament il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u jappella għall-qerda tal-gvern tal-Ukrajna, iqajjem dubji dwar l-istat tal-Ukrajna, jinsisti fuq ir-rebħa finali Russa mingħajr ebda kompromess u jiddikjara l-opinjoni tiegħu li t-territorju kollu tal-Ukrajna jrid jiġi okkupat. Huwa esprima akkużi li l-Ukrajna qed tipprovoka lir-Russja biex tuża l-armi nukleari. Għalhekk, Vitaliy Tretyakov responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023";

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"175.	All-Russia People's Front (ONF) (bir-Russu: Общероссийский народный фронт)	Indirizz: 40th Building, Mosfilmovskaya Street, Moscow, Russia, 119285 Tip ta' entità: Organizzazzjoni pubblika tal-Federazzjoni Russa Data tar-reġistrazzjoni: 6.9.2013 Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1137799016695 Post prinċipali tan-negozju: Russia	L-All-Russia People's Front (ONF) huwa moviment soċjali li nħoloq f'Mejju 2011 bħala koalizzjoni ta' organizzazzjonijiet soċjopolitiċi fuq suġġeriment tal-Prim Ministru Russu ta' dak iż-żmien Vladimir Putin, li għadu l-mexxej tiegħu. L-ONF għandu l-għan li joħloq alleanzi formali bejn il-partit United Russia u diversi organizzazzjonijiet mhux governattivi Russi. Fil-kuntest tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna l-ONF jorganizza kampanja soċjali "All for Victory!", li permezz tagħha jiġbor donazzjonijiet fiżiċi u finanzjarji biex jappoġġa l-unitajiet militari tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			L-ONF għandu d-drittijiet għat-trademark tas-simbolu "Z", li jintuża biex juri appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u l-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Il-membri tal-ONF kienu responsabbli għall-organizzazzjoni ta' diversi laqgħat pubbliċi b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li fihom is-simbolu "Z" intuża b'mod estensiv. Għalhekk l-ONF huwa responsabbli għall-appoġġ għal u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
176.	National Wealth Fund of the Russian Federation (bir-Russu: Фонд национального благосостояния Российской Федерации) (Фонд национального благосостояния РФ)	Indirizz: st. Ilyinka, 9 building 1, 109097, Moscow, Russia Tip ta' entità: Fond tal-Federazzjoni Russa Data tar-reġistrazzjoni: 1.10.2010 Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation Numru tal-karta tal-identità tat-taxxa: 7710168360 Numru tar-reġistrazzjoni: 1037739085636 Post prinċipali tan-negozju: Russia	In-National Wealth Fund tal-Federazzjoni Russa huwa fond ta' riżerva kkontrollat mill-gvern. Skont il-Ministeru għall-Finanzi, il-fond kellu RUB 13,6 triljun , ugwali għal 10.2 % tal-prodott domestiku gross tar-Russja inizjalment ipproġettat għall-2022. In-National Wealth Fund intuża biex ikopri d-defiċits tal-baġit federali Russu matul il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, u l-gvern Russu qed iħejji biex ikopri d-defiċits fl-2023 u fl-2024 b'mezzi min-National Wealth Fund. Għalhekk, in-National Wealth Fund huwa responsabbli għall-appoġġ finanzjarju lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Entitajiet assoċjati: Mikhail Vladimirovich MISHUSTIN VTB Bank Sberbank		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
177.	Avrora JSC (magħrufa wkoll bħala Avrora; magħrufa wkoll bħala Aurora; magħrufa wkoll bħala Concern Avrora Scientific And Production Association Joint Stock Company; magħrufa wkoll bħala AO "Kontsern" "NPO" "Avrora") (bir-Russu: Акционерное Общество "Концерн" Научно-Производственное Объединение "Аврора")	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (194021, Saint Petersburg, ul. Karbysheva, 15) Data tar-reġistrazzjoni: 27.2.2009 Numru tar-reġistrazzjoni: 7802463197 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation: Entitajiet u individwi assoċjati: Konstantin Yurevich Shilov (Direttur Ġenerali) JSC "NRK-R.O.S.T." (Fundatur) JSC "KMP" (Fundatur)	Avrora JSC hija intrapriża ewlenija fis-settur tad-difiża marittima tar-Russja. Avrora JSC għandha liċenzja mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ biex tiżviluppa armi u tagħmir militari, kif ukoll liċenzja mis-State Atomic Energy Corporation (Rosatom) biex taħdem fuq l-użu tal-enerġija atomika għal skopijiet ta' difiża, inkluż l-iżvilupp ta' armi nukleari u impjanti tal-enerġija nukleari għal skopijiet militari. Avrora JSC hija l-aktar magħrufa għall-attivitajiet tagħha fl-oqsma tal-iżvilupp, il-produzzjoni u l-provvista ta' sistemi ta' kontroll awtomatizzati għall-bastimenti tal-wiċċ u s-sottomarini tal-Flotta Navali tal-Federazzjoni Russa. B'mod speċifiku, Avrora JSC tiżviluppa, timmanifattura provvisti, u tiżgura manutenzjoni u servizzjar taħt garanzija tas-sistemi ta' kontroll awtomatizzati tal-hardware abbord għas-sottomarini u l-bastimenti navali tal-wiċċ tal-forzi armati Russi. Għalhekk, Avrora JSC qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
178.	Battery Company Rigel JSC (magħrufa wkoll bħala Rigel; magħrufa wkoll bħala Joint Stock Company Battery Company "Rigel"); (bir-Russu: Акционерное Общество Аккумуляторная Компания "Ригель")	Post tar-reġistrazzjoni: Professora Popova st., 38, Saint Petersburg 197376, Russia Data tar-reġistrazzjoni: 28.10.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 9728042468 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Battery Company Rigel JSC hija manifattur ta' idrur tal-metall tan-nikil u batteriji tal-fidda-żingu u ilha sservi ta' fornitur għall-flotta navali Russa għal aktar minn 15-il sena. Il-kumpanija tiddeskrivi lilha nnifisha bħala żviluppatur ewlieni ta' batteriji tal-joni tal-litju u batteriji għal sistemi tal-enerġija awtonomi u mingħajr interruzzjoni, komunikazzjoni, trasport, u tagħmir ieħor u tipprovdi ċiklu sħiħ ta' żvilupp, produzzjoni, u provvista ta' batteriji tal-litju għall-Flotta Navali Russa u l-Ministeru għad-Difiża Russu. Għalhekk Battery Company Rigel JSC qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Entitajiet u individwi assoċjati: Iuliia Vladimirovna Shishova (Fundatur) Evgeniy Nikolaevich Vlasov (Direttur Ġenerali) Igor Kozlov (President) OOO Alianstreid (Organizzazzjoni ta' Ġestjoni) OOO Bykovogaz (entità mwaqqfa minn Rigel JSC)		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
179.	Design Bureau Ametist JSC (magħrufa wkoll bħala АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО "КОНСТРУКТОРСКОЕ БЮРО "АМЕТИСТ"; magħrufa wkoll bħala АО "КВ "AMETIST")	Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation (125373, Moscow, Pokhodniy Proezd, Domovladenie 3, str. 2) Data tar-reġistrazzjoni: 17.12.2008 Numru tar-reġistrazzjoni: 7723691017 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Entitajiet u individwi assoċjati: Evgeny Vasilievich Chabanov, Direttur Ġenerali	Design Bureau Ametist JSC hija żviluppatur ewlieni tas-sistemi tal-artillerija għall-Forza Navali tal-Federazzjoni Russa. Il-Ministeru Russu għad-Difiża jiddeskrivi lil Design Bureau Ametist bħala d-ditta ewlenija tal-inġinerija tad-disinn tal-kumplessi tal-munizzjon abbord il-bastimenti, is-sistemi ta' kontroll tal-isparar bir-radar u viżwali-elettroniċi, u l-artillerija kostali żviluppata għall-Forza Navali tal-Federazzjoni Russa. B'mod partikolari, Design Bureau Ametist tiżviluppa u timmanifattura sistemi tal-armi li jintużaw b'mod attiv fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Is-sistema tal-missili OSA-M ġiet żviluppata minn Design Bureau Ametist u ġiet skjerata fuq diversi bastimenti tal-gwerra Russi, inkluż il-bastiment ewlieni tal-ġlied tar-Russja Moskva, li kien involut direttament fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk Design Bureau Ametist qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Design Bureau Ametist hija entità li qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
180.	Dubnensky Machine-Building Plant JSC (magħrufa wkoll bħala Dubna Machine-Building Plant; magħrufa wkoll bħala Dubninsky machine-building plant; magħrufa wkoll bħala Dubna Engineering Plant; magħrufa wkoll bħala Joint-stock company "Dubnensky machine-building plant" imsemmija wara N.P. Fedorov"; magħrufa wkoll bħala Aktsionernoye obshchestvo "Dubnenskiy mashinostroitel'nyy zavod" imeni N.P. Fodorova)	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (141983, Moscow region, Dubna, Zhukovsky Str. 2, building 1) Data tar-reġistrazzjoni: 26.2. 2004 Numru tar-reġistrazzjoni: 5010030050 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Entitajiet u individwi assoċjati: Aleksey Leonidovich Belykh, Direttur Ġenerali	Dubnensky Machine-Building Plant JSC hija entità li tikkontribwixxi b'mod attiv għall-kumpless militari industrijali tar-Russja. Il-kumpanija tiżviluppa droni ta' rikonjizzjoni u ta' attakki Orion, kif ukoll droni marittimi għall-forzi armati Russi. Id-droni manifatturati minn Dubnensky Machine-Building Plant JSC ġew mgħammra b'missili ggwidati. Dawn id-droni huma skjerati mill-forzi armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Bejn Frar u April 2022, kien hemm sitt każijiet ikkonfermati ta' qtil fl-Ukrajna mid-droni Russi Orion manifatturati minn Dubnensky Machine-Building Plant JSC. Għalhekk, Dubnensky Machine-Building Plant JSC qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Dubnensky Machine-Building Plant JSC hija entità li qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
	(bir-Russu Акционерное общество "Дубненский машиностроительный завод" имени Н.П.Фёдорова; magħrufa wkoll bħala Дубненский машиностроительный завод; magħrufa wkoll bħala АО ДМЗ ИМ. Н.П. ФЕДОРОВА)			

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
181.	Elektropribor JSC (magħrufa wkoll bħala Elektropribor; magħrufa wkoll bħala State Research Center of the Russian Federation Concern CSRI Elektropribor, JSC; magħrufa wkoll bħala Aktsionernoe Obshchestvo "Kontsern"Tsentralnyi Nauchno-Issledovatelskii Institut "Elektropribor") (bir-Russu Акционерное Общество "Концерн "Центральный Научно-Исследовательский Институт "Электроприбор")	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (197046, Saint Petersburg, ul. Malaia Posadskaia, 30) Data tar-reġistrazzjoni: 26 .2.2009 Numru tar-reġistrazzjoni: 7813438763 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Entitajiet u individwi assoċjati: Aleksandr Viacheslavovich Sokolov (Direttur Ġenerali) JSC "NRK-R.O.S.T." (fundatur) JSC "KMP" (fundatur) JSC "TSNII "DELFIN" (entità mwaqqfa minn Elektropribor JSC)	Elektropribor JSC hija kumpanija ewlenija fl-industrija tad-difiża marittima Russa. Elektropribor JSC tiżviluppa u timmanifattura navigazzjoni ta' preċiżjoni għolja, ġiroskopija, gravimetrija, u sistemi viżwali-elettroniċi għal sottomarini, kif ukoll sistemi ta' komunikazzjoni marittima. Elektropribor JSC għandha liċenzja attiva mill-Ministeru għall-Industrija tar-Russja għall-iżvilupp ta' armi, munizzjon, u tagħmir militari. B'mod partikolari, Elektropribor JSC tipproduċi sistemi ta' navigazzjoni għall-bastimenti tal-ġlied tal-Flotta Navali tal-Federazzjoni Russa. Il-kumpanija tiddeskrivi lilha nnifisha bħala kumpanija li tiżgura disponibbiltà operattiva għolja tal-forzi navali sottomarini tar-Russja. Għalhekk, Elektropribor JSC qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Elektropribor JSC hija entità li qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
182.	Morinformsystem Agat JSC (magħrufa wkoll bħala Morinsis-agat; magħrufa wkoll bħala Aktsionernoe Obshchestvo Kontsern "Morinformsistema – Agat" (bir-Russu Акционерное Общество "Концерн "Моринформсистема – Агат"; magħrufa wkoll bħala Моринсис – Агат)	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (105275, Moscow, sh. Entuziastov, 29) Data tar-reġistrazzjoni: 6.2. 2006 Numru tar-reġistrazzjoni: 7720544208 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Entitajiet u individwi assoċjati: Mikhail Iurevich Khramov (Direttur Ġenerali) JSC "KMP" (Fundatur) JSC "NRK-R.O.S.T." (Reġistratur)	Morinformsystem Agat JSC hija kumpanija ewlenija fl-industrija tal-bini tal-bastimenti Russa. Il-kumpanija hija speċjalizzata fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-manutenzjoni ta' sistemi ta' informazzjoni u kontroll tal-ġlied kif ukoll sistemi integrati, sistemi ta' awtomatizzazzjoni ta' kontroll integrat għall-formazzjonijiet tal-baħar, sistemi ta' kontroll tal-isparar ta' missili kruċieri u ballistiċi bbażati fuq il-baħar, sistemi ta' missili u radars kostali u bbażati fuq il-bastimenti, u sistemi tas-sonar. Din ġiet deskritta bħala organizzazzjoni umbrella fl-industrija tal-bini tal-bastimenti Russa li tispeċjalizza fl-oqsma tas-sistemi u t-teknoloġiji tal-informazzjoni, l-inġinerija tas-sistemi fl-isfera tat-tagħmir tal-informatika tad-data tal-baħar, il-kompatibbiltà elettromanjetika tal-faċilitajiet radjuelettroniċi, is-sistemi ta' degaussing, is-sistemi tal-kontroll tal-isparar ta' missili kruċieri u ballistiċi bbażati fuq il-baħar, is-sistemi ta' informazzjoni u kontroll tal-ġlied u s-sistemi ta' ġestjoni integrata għall-bastimenti tal-wiċċ u s-sottomarini. F'din il-kapaċità, Morinformsystem Agat JSC tikkostitwixxi entità ewlenija li tipprovdi appoġġ materjali lill-forzi navali Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Sussidjarji: – JSC AKIN – OJSC Zavod Elektropribor – JSC KB Amethyst – JSC Comet – JSC NPP Salyut – JSC PO Binom – JSC Central Research Institute Kurs – JSC Plant Topaz – JSC Izumrud – JSC KGFI – JSC Morinsis-Agat-KIP – FSPC JSC NPO Mars – JSC NPF Meridian – AO Typhoon	Għalhekk, Morinformsystem Agat JSC qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Morinformsystem Agat JSC hija entità li qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
183.	Zelenodolsk Design Bureau JSC (bir-Russu: АО Зеленодольский завод имени А. М. Горького)	Post tar-reġistrazzjoni: Zelenodolsk, Republic of Tatarstan, Russian Federation (422540, Republic of Tatarstan, r-n Zelenodolskii, Zelenodolsk, ul. Lenina, 41A) Data tar-reġistrazzjoni: 27.5.2008 Numru tar-reġistrazzjoni: 1648024290 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Entitajiet u individwi assoċjati: Alexander Nikolaevich FILIPOV (Maniġer Ġenerali) OOO "CHEREPOVETSKOE PKB" (Fundatur)	Zelenodolsk Design Bureau JSC hija kumpanija ewlenija tal-bini tal-bastimenti fil-kumpless militari industrijali tar-Russja. Zelenodolsk Design Bureau JSC iddisinjat mill-inqas 17-il bastiment tal-gwerra differenti għall-forzi armati Russi u għandha għarfien espert partikolari fil-kostruzzjoni ta' bastimenti tal-ġlied kontra s-sottomarini, bastimenti ta' pattulja militari, u bastimenti spija. Diversi bastimenti tal-gwerra ddisinjati minn Zelenodolsk Design Bureau JSC – mgħammra b'missili kruċieri tat-tip Kalibr – ħadu sehem f'attakki bil-bombi kontra l-Ukrajna matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, f'Settembru 2022, Zelenodolsk Design Bureau JSC iffirmat kuntratt mal-forzi armati Russi biex tiddisinja żewġ bastimenti ta' spjunaġġ ġodda għall-Flotta Navali tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Zelenodolsk Design Bureau JSC qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Zelenodolsk Design Bureau JSC hija entità li qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
184.	Avtodor (magħrufa wkoll bħala State Unitary Enterprise of the Donetsk People's Republic "Avtodor"; (bir-Russu Государственное Унитарное Предприятие Донецкой Народной Республики "Автодор")	Post tar-reġistrazzjoni: Ukraine (283001, Donetsk, Komsomolsky prospect, 6a) Data tar-reġistrazzjoni: 4.9.2015 Numru tar-reġistrazzjoni: 9303014834 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Ukraine Entitajiet u individwi assoċjati: Artur Rasikhovich Dobrorez, kap tal-entità ġuridika	Avtodor hija kumpanija tal-kostruzzjoni subordinata lid-"dipartiment tat-toroq" tal-"Ministeru għat-Trasport" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Avtodor irrestawrat b'mod attiv l-infrastruttura strateġika, bħal pontijiet u toroq, f'isem il-forzi okkupanti Russi. Avtodor ġiet ikkummissjonata mill-forzi okkupanti Russi biex tistabbilixxi konnessjonijiet tat-toroq bejn ir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna, kif ukoll biex tissostitwixxi s-sinjali tat-toroq Ukreni b'sinjali bil-lingwa Russa fiż-żoni okkupati. Ix-xogħol imwettaq minn Avtodor jagħmel parti minn strateġija usa' segwita mill-Federazzjoni Russa f'kooperazzjoni mal-forzi okkupanti fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" biex il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja tavvanza permezz ta' proġetti infrastrutturali. Għalhekk, Avtodor qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Avtodor hija entità li twettaq tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
185.	Nizhneangarsktransstroy (magħrufa wkoll bħala OOO "NATS"; (bir-Russu Общество С Ограниченной Ответственностью "Нижнеангарсктрансстрой"; magħrufa wkoll bħala 000 HATC)	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (Moscow, Proezd-12 Maryina Roshcha, d. 9, str. 1) Data tar-reġistrazzjoni: 21.6.2012 Numru tar-reġistrazzjoni: 7717727466 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Ukraine, Russian Federation Entitajiet u individwi assoċjati: Vsevolod Valeryevich Sokolov, Direttur Ġenerali u fundatur	Nizhneangarsktransstroy hija kumpanija tal-kostruzzjoni bbażata f'Moska li tispeċjalizza fit-tiswijiet tat-toroq u tal-awtostradi. Nizhneangarsktransstroy, b'mod partikolari, ġiet ikkummissjonata mill-forzi Russi li jokkupaw l-Ukrajna biex terġa' tibni l-pont li jgħaqqad it-territorju tal-Federazzjoni Russa mal-peniżola Ukrena okkupata tal-Krimea, li fit-8 ta' Ottubru 2022 ġarrab ħsara wara splużjoni. It-tiswijiet imwettqa minn Nizhneangarsktransstroy huma ta' importanza strateġika partikolari għall-isforzi tal-gwerra tar-Russja. Il-pont tal-Krimea jiffunzjona bħala kuritur tal-art bejn il-Federazzjoni Russa u t-territorju okkupat tal-Ukrajna u l-aċċessibbiltà tiegħu taffettwa direttament il-kapaċità tar-Russja li tmexxi gwerra fin-Nofsinhar tal-Ukrajna. Għalhekk, Nizhneangarsktransstroy qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Nizhneangarsktransstroy hija entità li qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
186.	Ministry of Emergency Situations of the so-called "Donetsk People's Republic" (magħruf ukoll bħala Ministerstvo Po Delam Grazhdanskoy Oborony, Chrezvychaynym Situatsiyam i Likvidatsii Posledstviy Stikhiynykh Bedstviy Donetskoy; magħruf ukoll bħala. MCHS DNR) (bir-Russu: Министерство по делам гражданской обороны, чрезвычайным ситуациям и ликвидации последствий стихийных бедствий Донецкой Народной Республики;a.k.a. МЧС ДНР)	Post tar-reġistrazzjoni: Ukraine (283048, Donetsk, st. Shchorsa, 60) Data tar-reġistrazzjoni: 9.10.2014 Numru tar-reġistrazzjoni: 9303011960 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Ukraine, Russian Federation Entitajiet u individwi assoċjati: Alexey Alexandrovich Kostrubitsky – kap tal-entità ġuridika u l-ħekk imsejjaħ "Ministru".	L-ħekk imsejjaħ "Ministry of Emergency Situations of the Donetsk People's Republic" huwa entità stabbilita fl-2014 mill-forzi okkupanti allinjati mar-Russja fir-reġjun ta' Donetsk tal-Ukrajna. L-ħekk imsejjaħ "Ministry of Emergency Situations of the Donetsk Peoples Republic" minn dak iż-żmien 'l hawn hawn aġixxa bħala entità governattiva mhux rikonoxxuta tal-awtoproklamata "Donetsk Peoples Republic ". Il-persunal tal-Ministeru kien involut direttament fil-"filtrazzjoni" furzata ta' persuni ċivili Ukreni f'diversi siti fir-reġjun ta' Donetsk tal-Ukrajna. Is-sistema ta' filtrazzjoni tar-Russja għall-persuni fir-reġjun ta' Donetsk, organizzata mill-ħekk imsejjaħ "Ministry of Emergency Situations of the Donetsk Peoples Republic", għandha l-għan li trażżan ir-reżistenza Ukrena u tinfurza l-lealtà fost il-kumplament tal-popolazzjoni, permezz tar-reġistrazzjoni, l-interrogazzjoni, u, f'xi każijiet, id-detenzjoni indefinita ta' persuni allegatament "leali" lejn il-Gvern Ukren.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għalhekk, l-hekk imsejjaħ "Ministry of Emergency Situations of the Donetsk Peoples Republic" qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, l-hekk imsejjaħ "Ministry of Emergency Situations of the Donetsk Peoples Republic" huwa entita li qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
187.	Kaluga-based Instrument-Making Plant Typhoon JSC (magħruf ukoll bħala Typhoon; magħruf ukoll bħala Tyfun; magħruf ukoll bħala Research and production enterprise "Kaluga instrument-making plant "Tyfun"""); (bir-Russu АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО НАУЧНО-ПРОИЗВОДСТВЕННОЕ ПРЕДПРИЯТИЕ "КАЛУЖСКИЙ ПРИБОРОСТРОИТЕЛЬНЫЙ ЗАВОД "ТАЙФУН"; magħruf ukoll bħala АО "Тайфун"")	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (248600, Kaluga, Voskresenskiy per, 28) Data tar-reġistrazzjoni: 10.7.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 4026005699 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Entitajiet u individwi assoċjati: Andrey Alekseevich Petrakov, Direttur Ġenerali	"Typhoon" JSC hija intrapriża ewlenija fil-kumpless militari-industrijali tar-Russja li tiżviluppa, timmanifattura u tforni sistemi ta' armi li jintużaw b'mod attiv mill-forzi armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Pereżempju, is-sistema tal-missili kostali BAL-E li "Typhoon" JSC żviluppat għall-Ministeru Russu għad-Difiża, intużat mill-forzi armati Russi biex jillanċjaw missili kruċieri kontra miri tal-art Ukreni fir-reġjun ta' Odesa f'Ġunju 2022. Barra minn hekk, is-sistema tal-missili tattiċi kostali Rubezh-ME żviluppata minn Typhoon JSC ilha tintuża mill-forzi armati Russi biex jillanċjaw missili mill-peniżola tal-Krimea mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, "Typhoon" JSC qed tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, "Typhoon" JSC hija entità li tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
188.	Russian National Reinsurance Company JSC (magħrufa wkoll bħala RNRC; magħrufa wkoll bħala RNPK; magħrufa wkoll bħala Rossiyskaya Natsional'naya Perestrakhovochnaya Kompaniya) (bir-Russu Российская Национальная Перестраховочная Компания magħrufa wkoll bħala PHIIK)	Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 3.8.2016 Numru tar-reġistrazzjoni: 7706440687 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Informazzjoni oħra: Russian National Reinsurance Company JSC hija sussidjarja tal-Bank of Russia	Ir-Russian National Reinsurance Company (RNRC), hija kumpanija b'ishma konġunti kkontrollata mill-Istat Russu u sussidjarja tal-Bank of Russia. Bħalissa, ir-RNRC qed tiffunzjona bħala r-riassiguratur ewlieni tal-bastimenti Russi responsabbli għall-esportazzjoni taż-żejt Russu, inkluż il-flotta ta' Sovcomflot, wara li l-kumpaniji tal-assigurazzjoni tal-Punent irtiraw il-kopertura għas-sidien tal-bastimenti Russi, wara s-sanzjonijiet tal-Punent minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna. Huwa importanti l-fatt li dan is-servizz ta' riassigurazzjoni offrut mill-RNRC ippermetta lill-Gvern Russu jnaqqas u/jew itaffi l-impatt tas-sanzjonijiet tal-Punent fuq il-kummerċ taż-żejt tiegħu – li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Il-Bank of Russia żied il-kapital awtorizzat tas-sussidjarja tiegħu, RNRC, minn RUB71 biljun għal RUB300 biljun mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Diversi sorsi oħra, inkluż dawk li jikkwotaw uffiċjali tal-Gvern Russu, jikkonfermaw li l-RNRC assigurat mill-ġdid tagħbijiet taż-żejt li jtajru l-bandiera Russa li ġew miċħuda assigurazzjoni min-negozji tal-Punent.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għalhekk, ir-Russian National Reinsurance Company hija entità li qed tappoġġa materjalment u finanzjarjament, u qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, ir-Russian National Reinsurance Company hija entità involuta f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
189.	Kumpanija b'Ishma Konġunti "Scientific And Production Association "Impuls" (JSC "SPA "Impuls") (JSC "SPA "Impulse") (bir-Russu: Акционерное общество "Научно-производственное объединение "Импульс" (АО "НПО "Импульс")	Indirizz: 195299, Russian Federation, St. Petersburg, Kirishskaya St., 2A Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 9.2.2012 Numru tar-reġistrazzjoni: 1127847076202 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Il-Kumpannija b'Ishma Konġunti "Scientific and Production Association 'Impuls'" tiżviluppa u timplimenta sistemi ta' kontroll awtomatizzati għall-iStrategic Rocket Forces tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Hija timplimenta wkoll għall-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa iċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tal-prodotti tagħha. L-entità hija parti mid-diviżjoni tas-"Sistemi ta' kontroll awtomatizzati" tal-holding tar-"Roselektronika" tal-korporazzjoni "Rostec". Hija ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa, inkluż għall-kumpless militari-industrijali Russu. Il-Kumpannija b'Ishma Konġunti "Scientific and production association Impuls timmanifattura u tforni prodotti militari użati mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, il-kumpanija b'ishma konġunti "Scientific and production association 'Impuls'hija responsabbli li tappoġġa u tibbenifika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, il-Kumpannija b'Ishma Konġunti "Scientific and production association 'Impuls'" hija responsabbli għall-appoġġ materjali f'azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
190.	Limited Liability Company "Commercial Vehicles – GAZ Group" (magħruf wkoll bħala Obshchestvo s ogranichennoy otvetstvennostiu "Kommercheskiye avtomobili – Gruppa GAZ") (bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью "Коммерческие Автомобили – Группа ГАЗ")	Indirizz: 603004, Nizhegorodskaya oblast', gorod Nizhniy Novgorod, pr-kt Il'icha, d.5, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Nizhniy Novgorod, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 18.11.2004 Numru tar-reġistrazzjoni: 1045207058687 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Limited Liability Company "Commercial Vehicles - GAZ Group" hija produttur ewlieni tar-Russja ta' vetturi kummerċjali. Il-portafoll tal-prodotti tal-kumpanija jinkludi vetturi kummerċjali ħfief u medji, karozzi tal-linja, magni u aktar minn 500 tip ta' vetturi speċjali. Limited Liability Company "Commercial Vehicles - GAZ Group" tipprovdi vetturi manufatturati GAZ lill-Forzi Armati Russi li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Limited Liability Company "Commercial Vehicles - GAZ Group" hija għalhekk responsabbli għall-appoġġ materjali f'azzjonijiet, li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
191.	Limited Liability Company United Machine-Building Group (magħruf wkoll bħala LLC "OMG") (bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью "Объединенная машиностроительная группа"; a.k.a. ООО "ОМГ")	Indirizz: Moscow, Rochdelskaya str., 15, bld. 8, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 15.11.2018 Numru tar-reġistrazzjoni: 1187746941106 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Limited Liability Company United Machine-Building Group huwaa azjenda industrijali Russa involuta b'mod wiesa' fis-suq għall-powertrains, għat-trakkijiet li jaħdmu fuq ir-roti kollha u għall-gradjenti tal-muturi. Il-grupp akkwista assi ta' wħud mill-fornituri ewlenin ta' trakkijiet armati għall-forzi armati Russi. Limited Liability Company United Machine-Building Group jipprovdi trakkijiet manifatturati u vetturi oħrajn lill-Forzi Armati Russi, li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Limited Liability Company United Machine-Building Group huwa għalhekk responsabbli għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Limited Liability Company United Machine-Building Group jirċievi wkoll miżuri ta' appoġġ mill-istat għall-produzzjoni ta' makkinarju agrikolu, u għalhekk qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
192.	JSC "State Space Research and Production Center imsemmija wara M.V. Khrunichev" (magħruf wkoll bħala Khrunichev State Research and Production Space Center (The Khrunichev Space Center) magħruf wkoll bħala Khrunichev GKNPTS, JSC (bir-Russu AO "Государственный Космический Научно-Производственный Центр Имени М.В. Хруничева" magħruf wkoll bħala Государственный космический научно-производственный центр имени Хруничева (Космический центр имени Хруничева) ГКНПЦ им. М.В. Хруничева, АО)	Indirizz: 18, Novozavodskaya St., 121087 Moscow, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 17.11.2017 Numru tar-reġistrazzjoni: 5177746220361 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Informazzjoni oħra: INN 7730239877, KPP 773001001, OKPO 20239393	JSC "State Space Research and Production Center imsemmija wara M.V. Khrunichev" hija parti mill-Korporazzjoni Statali "Roscosmos" u hija l-intrapriża ewlenija tal-industrija Russa tar-rokits u tal-ispazju. Huwa żviluppatur u manifattur tas-serje ta' "Proton-M" heavy-lift launch vehicles, ta' "Angara" launch vehicles, u ta' "Rokot" light launch vehicles. Id-dipartiment militari tal-Ministeru għad-Difiża jordna r-rokits Angara għall-illanċjar tas-satelliti militari. "Roscosmos" jittrażmetti immaġnijiet satellitari tal-Ukrajna lill-Ministeru għad-Difiża Russu, filwaqt li jipprovdi informazzjoni u appoġġ ta' intelligence lill-militar Russu. JSC "State Space Research and Production Center imsemmija wara M.V. Khrunichev" timmanifattura u tforni prodotti użati mill-militar Russu matul il-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, JSC "State Space Research and Production Center imsemmija wara M.V. Khrunichev" hija responsabbli għall-appoġġ materjali f'azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
193.	Patriot Media Group (bir-Russu Медиагруппа "Патриот")	Indirizz: 197374, St. Petersburg, Prospect Primorsky, 78, building 1, Russian Federation Telefown: +7 (981) 722 50 09 Sit web: https://mediapatriot.ru Posta elettronika: media@mediapatriot.ru Individwi assoċjati: – Nikolay Stolyarchuk – (Kap tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni tal-Patriot Media Group) – Yevgeny Prigozhin (Kap tal-Bord tal-Fiduċjarji tal-Patriot Media Group)	Patriot Media Group huwa organizzazzjoni tal-media Russa li l-Bord tal-Fiduċjarji tagħha huwa mmexxi minn Yevgeny Prigozhin. Hija xxerred propaganda favur il-Gvern u diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Patriot Media Group jiddefinixxi l-gwerra li għaddejja bħala "reklamazzjoni tal-artijiet Russi min-neonażisti fl-Ukrajna" u jsostni li n-NATO qed tippjana attakk imminenti kontra l-Federazzjoni Russa. Għalhekk Patriot Media Group huwa responsabbli għall-appoġġ materjali f'azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Entitajiet assoċjati: Il-Patriot Media Group jikkonsisti fost l-oħrajn minn: – Federalnoye Agentsvo Novostey (RIA FAN) – Ekonomika Segodnya – Narodnye Novosti – Polityka Segodnya – Slovo i Delo – Zhurnalistskaya Pravda – PolitExpert – iReactor – NewInform – PolitRossiya – Nevskiye Novosti		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
194.	JSC State Machine Building Design Bureau "Raduga" (bir-Russu Акционерное общество "Государственное машиностроительное конструкторское бюро "РАДУГА" имени А.Я. Березняка")	Indirizz: 2a, Zhukovsky St., Dubna, Moscow region, 141980, Russian Federation Telefown: +7 (495) 777-07-30 Faks: +7 (495) 777-07-36 Posta elettronika: raduga@dubna.ru Sit web: https://ktrv.ru/about/structure/raduga.html# Individwi assoċjati: Direttur Ġenerali - Boris Viktorovich Obnosov Entitajiet assoċjati: JSC Tactical Missiles Corporation	JSC State Machine Building Design Bureau "Raduga" huwa żviluppatur Russu u manifattur ta' missili. Jipprovdi armi lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Immanifattura l-missili kruċieri illanċjati mill-ajru tal-gwerra Kh-101, li ntużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-missili KH-101 intużaw f'attakki mill-ajru Russi fuq l-infrastruttura ċivili tal-Ukrajna. Għaldaqstant, JSC State Machine Building Design Bureau "Raduga" huwa responsabbli għall-appoġġ materjali f'azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, JSC State Machine Building Design Bureau "Raduga" qed jappoġġa materjalment u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
195.	Federal State Unitary Enterprise Rossiya Segodnya International Information Agency (bir-Russu: Федеральное государственное унитарное предприятие "Международное информационное агентство "Россия сегодня")	Indirizz: 4 Zubovsky Boulevard, 119021 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 (495) 645-66-01 Faks: +7 (495) 637-45-45 Sit web: https://rossiyasegodnya.com/ Posta elettronika: office@ria.ru Individwi assoċjati: – Dmitry Kiselev – Direttur Ġenerali; – Margarita Simonyan – Editur Kap.	Rossiya Segodnya huwa grupp tal-media marbut mal-gvern Russu. Huwa ffinanzjat mill-baġit federali tal-Federazzjoni Russa. Permezz tal-mezzi tal-media subordinati tiegħu, Sputnik, huwa jxerred il-propaganda favur il-Gvern u d-diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jiddefinixxi lill-Ukrajna bħala reġim Nażista u jxerred informazzjoni falza dwar il-programmi ta' bijoarmi fl-Ukrajna. Barra minn hekk, Rossiya Segodnya qed ixerred informazzjoni dwar il-pajjiżi tal-Punent li huma responsabbli permezz tas-sanzjonijiet tagħhom kontra r-Russja għalkriżi tal-ikel fl-Afrika. Għaldaqstant, Rossiya Segodnya qed jappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa jappoġġa u jibbenifika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Entitajiet assoċjati: – Sputnik – RIA Novosti – RIA.RU – PRIME – InoSMI – TOK/KOT – Baltnews – Ukraina.ru – Social Navigator – Arctic.ru – Sputnik Radio		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
196.	Special Technology Center Ltd. (magħrufa wkoll bħala STC, Ltd) (bir-Russu Специальный Технологический Центр – ООО "СТЦ")	Indirizz: 195220, St. Petersburg, Piskarevsky prospect, 150, building 5 195220, St. Petersburg, st. Gzhatskaya, 21, letter B, office 53 Russian Federation Telefown: 8 (812) 244-33-13 Faks: 8 (812) 535-77-00, 8 (812) 535-58-16 Posta elettronika: office@stc-spb.ru Sit web: https://www.stc-spb.ru/contacts/	Special Technology Center Ltd.hija kumpanija Russa tal-industrija tat-teknoloġija u tad-difiża. Tipprovdi armi lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Immanifatturat il-vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ Orlan-10 li jintużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Special Technology Center Ltd. hija responsabbli għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
197.	JSC Ural Civil Aviation Factory (magħrufa wkoll bħala JSC Urals Works of Civil Aviation; magħrufa wkoll bħala "UZGA AO"; magħrufa wkoll bħala Ural Civil Aviation Plant) (bir-Russu:AO "Уральский завод гражданской авиации"; magħrufa wkoll bħala AO "УЗГА")	Indirizz: 2G Bakhchivandzhi S, Ekaterinburg 620025, Russian Federation Telefown: +7 (343) 295-51-51 Faks: +7 (343) 205-81-81 Posta elettronika: PRESSA@UWCA.RU Sit web: https://www.uwca.ru/en/ Entitajiet assoċjati: Ministry of Defence of the Russian Federation	JSC Ural Civil Aviation Factory hija manifattur tal-inġenji tal-ajru Russu, u kumpanija ta' manutenzjoni, tiswija u reviżjoni. Tipprovdi armi lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Timmanifattura l-vettura tal-ajru mingħajr ekwipaġġ Forpost, li tintuża mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, JSC Ural Civil Aviation Factory hija responsabbli għall-appoġġ materjali f'azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
198.	Alfa-Bank JSC (bir-Russu: Альфа-Банк)	Indirizz: 11 Mashi Poryvayevoy str. Moscow, 107078, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: 27 Kalanchevskaya str. Moscow, 107078, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 26.7.2022 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027700067328 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Individwi assoċjati: – Petr Aven, – German Khan, Mikhail Fridman	Alfa-Bank JSC huwa l-akbar bank privat fil-Federazzjoni Russa. Il-Bank Ċentrali tar-Russja inkluda l-Alfa-Bank fil-lista tal-istituzzjonijiet ta' kreditu sistemikament importanti. Alfa-Bank jopera f'settur bankarju li huwa l-komponent ewlieni tas-sistema finanzjarja tal-Federazzjoni Russa. Għaldaqstant, Alfa-Bank huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Entitajiet assoċjati oħra: – Alfa Capital Markets LTD (Cyprus) – Alfa-Direct (Russia) – Alfa-Forex LLC (Russia) – Alfa-Lizing OOO (Russia) – Amsterdam Trade Bank NV (the Netherlands) – Subsidiary Bank Alfa-Bank JSC (Kazakhstan) – ABH Holdings Informazzjoni oħra: Settur finanzjarju, ibbankjar		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
199.	Kumpanija b'ishma konġunti pubbliċi Rosbank (bir-Russu: Публичное акционерное общество Росбанк)	Indirizz: 9 ul. Bolshaya Yakimanka, Moscow, 119180, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'ishma konġunti pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: 107078, Moscow, Masha Poryvaeva str., 34, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 2.3.1993 Numru tar-reġistrazzjoni: OGRN: 1027739460737 INN: 7730060164 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Rosbank hija waħda mill-akbar strutturi finanzjarji fir-Russja u waħda mill-ikbar selliefa tal-pajjiż. Is-Central Bank of Russia jelenkha bħala istituzzjoni ta' kreditu sistemikament importanti fil-pajjiż. L-assi totali tagħha fl-2020 kienu RUB 1,363 biljun u l-profitt nett tagħha fl-2020 kien ta' RUB 15,5 biljun . Rosbank ġiet akkwistata bħala parti mill-kisba ta' benefiċċju mill-Gvern tar-Russja. Rosbank twettaq negozju fis-settur tas-servizzi finanzjarji Russi, li huwa settur ta' sinifikat strateġiku għall-Gvern tar-Russja. Is-settur bankarju jammonta għal madwar 87 % tal-assi totali fis-settur finanzjarju. Fir-Russja, il-proporzjon tal-assi totali tal banek mal-PDG huwa bejn wieħed u ieħot 90 %. Għaldaqstant, Rosbank hija involuat f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
200.	Tinkoff Bank JSC (bir-Russu: АО "Тинькофф банк")	Indirizz/Posta: Moscow, 127994, st. Khutorskaya 2nd, 38A, building 26; PO Box 23, Moscow, 102001, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: 127287, st. Khutorskaya 2nd, 38A, Moscow, Russian Federation	Tinkoff Bank huwa wieħed mill-akbar tliet banek fir-Russja, abbażi tal-għadd tal-klijenti attivi tiegħu. Għandu pożizzjoni ewlenija fil-qasam tat-teknoloġiji finanzjarji, u l-Bank Ċentrali tar-Russja inkluda t-Tinkoff Bank fil-lista tal-istituzzjonijiet ta' kreditu sistemikament importanti. Tinkoff Bank jopera fis-settur bankarju li huwa komponent ewlieni tas-sistema finanzjarja tal-Federazzjoni Russa. Huwa implimenta b'mod konġunt mal-Gvern Russu programmi biex jiffinanzja u jappoġġa l-intraprenditorija fir-Russja. Tinkoff Bank jipprovdi appoġġ lill-klijenti tiegħu fid-dawl tal-mobilizzazzjoni militari fil-Federazzjoni Russa. Għaldaqstant, Tinkoff Bank huwa involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Data tar-reġistrazzjoni: 28.11.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739642281 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Individwi assoċjati: Vladimir Potanin (azzjonist) Entitajiet assoċjati oħra: TCS Group Holding PLC – azzjonist		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
201.	LLC Lipetsk Mechanical Plant (OOO Липецкий механический завод)	Indirizz: 398006, Lipetsk, st. Krasnozavodskaya, 1, Russian Federation Telefown: +7 (4742) 90-72-40 Indirizz elettroniku: priemnaya@lmz48.ru Sit web: https://www.lmz48.ru Entitajiet assoċjati: Kalashnikov	Lipetsk Mechanical Plant hija kumpanija tal-industrija militari Russa. Hija tipprovdi armi lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Hija mmanifatturat xaż insegwiti awtopropulsiv għas-sistemi ta' missili mill-wiċċ għall-ajru li ntużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa matul il-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, Lipetsk Mechanical Plant hija responsabbli għall-appoġġ materjali f'azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
202.	Public Joint Stock Company "Scientific and Production Association "Almaz" named after Academician A.A. Raspletin" PJSC NPO Almaz (Публичное Акционерное Общество "Научно-Производственное Объединение "Алмаз" имени Академика А.А.Расплетина" ПАО "НПО "Алмаз"	Indirizz: 125190, Moscow, Leningradsky ave., 80 k 16, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 12.8.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027700118984 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Informazzjoni addizzjonali: INN 7712040285, KPP 774301001	Public Joint Stock Company "Scientific and Production Association "Almaz" named after Academician A.A. Raspletin" hija parti mill-entità ta' difiża tal-ajruspazju "Almaz-Antey" li hija proprjetà tal-Istat Russu u tipproduċi sistemi mill-wiċċ għall-ajru għat-Troops of National Air Defense. Hija żviluppatur u modernizzatur tal-S 300, familja ta' sistemi mobbli ta' missili ta' difiża mill-wiċċ għall-ajru. Ir-Russja qed tuża missili mill-wiċċ għall-ajru S-300 biex tattakka miri tal-art fl-Ukrajna. Għaldaqstant, Public Joint Stock Company "Scientific and Production Association "Almaz" named after Academician A.A. Raspletin" timmanifattura u tforni prodotti użati mill-militar Russu matul il-gwerra ta' aggressjoni tiegħu kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Public Joint Stock Company "Scientific and Production Association "Almaz" named after Academician A.A. Raspletin" hija responsabbli għall-appoġġ materjali f'azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
203.	PJSC "Krasnogorsk Plant named after S.A. Zvereva" (KMZ "Zenit") (ПАО Красногорский завод им. С.А. Зверева ((КМЗ "Зенит"))	Indirizz: 143403, Moscow region, Krasnogorsk, st. River, 8, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija privata Post tar-reġistrazzjoni: Central Federal District of the Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 29.12.1999 Numru tar-reġistrazzjoni: 1025002882850 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Individwi assoċjati: Id-Direttur Alexander Novikov Entitajiet assoċjati oħra: Kumpanija omm: Shvabe (Rostec)	PJSC "Krasnogorsk Plant named after S.A. Zvereva" hija impriża Russa li hija proprjetà ta' JSC Shvabe, parti mir-Rostec corporation involuta fl-industrija tad-difiża. Hija tipproduċi teknoloġija militari, tagħmir militari u hardware militari ieħor. PJSC "Krasnogorsk Plant named after S.A. Zvereva" tipprovdi oġġetti ottoelettroniċi manufatturati li jintużaw mill-militar Russu fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, PJSC "Krasnogorsk Plant named after S.A. Zvereva" hija responsabbli għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
204.	Joint Stock Company "Shvabe" JSC "Shvabe" (Акционерное общество "ШВАБЕ" АО "ШВАБЕ")	Indirizz: 129366, Moscow, Prospekt Mira, 176, Russian Federation (bir-Russu: 129366, Москва Город, Пр-Кт Мира, Д. 176) Tip ta' entità: Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Yekaterinburg, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 05.04.2010 Numru tar-reġistrazzjoni: 1107746256727 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	JSC Shvabe (Shvabe), kumpanija azzjonarja proprjetà ta' Rostec, tispeċjalizza fir-riċerka fil-manifattura tal-massa ta' sistemi u kumplessi ottiċi u tal-laser. Shvabe tgħaqqad għadd ta' siti industrijali u istituzzjonijiet ta' riċerka madwar ir-Russja, u tifforma s-sinsla tas-settur ottiku tal-pajjiż. L-azjenda Shvabe twettaq iċ-ċiklu sħiħ tal-iżvilupp tat-teknoloġija ottoelettronika u tal-laser mill-aktar avvanzata għas-sigurtà nazzjonali tar-Russja. Shvabe tipproduċi u tiżviluppa wkoll sistemi ottoelettroniċi u tal-laser għall-forzi armati tal-Federazzjoni Russa. JSC Shvabe tipprovdi sistemi ottiċi u tal-laser manufatturati lill-Forzi Armati Russi, li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, JSC Shvabe hija responsabbli għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
205.	AO Plasma Ismijiet oħra: AKTCIONERNOE OBSHESTVO "NAUCHNO-ISSLEDOVATELSKIJ INSTITUT GAZORAZRYADNIH PRIBOROV "PLAZMA" (АО "Плазма" АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО "НАУЧНО-ИССЛЕДОВАТЕЛЬСКИЙ ИНСТИТУТ ГАЗОРАЗРЯДНЫХ ПРИБОРОВ "ПЛАЗМА")	Indirizz: 390023, Tsiolkovsky st, 24, Ryazan, Russian Federation Tip ta' entità: Korporazzjoni statali Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 16.10.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: TIN (INN): 6230005886 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Individwi assoċjati: Mexxej: Sergej Vladimirovich Maksimov	AO Plasma hija korporazzjoni statali u l-akbar żviluppatur u manifattur ta' prodotti elettroniċi plażma fir-Russja, inkluż lasers tal-gass u sistemi bbażati fuqhom, għodod għall-wiri ta' informazzjoni (pannelli plażma u monitors ibbażati fuqhom u apparati oħra), apparati tal-iswiċċjar għar-rilaxx tal-gass, u ċeramika industrijali. AO Plasma tipproduċi wkoll unitajiet taċ-ċeramika u l-metall densi taħt vakwu u Apparat ta' Antenna Passiv li jintuża mis-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita GLONASS. GLONASS hija sistema Russa ta' navigazzjoni bis-satellita mfassla għan-navigazzjoni operattiva u appoġġ mil-lat ta' ħin għal għadd bla limitu ta' utenti tal-art, tal-baħar, tal-ajru u tal-ispazju. Is-sistema GLONASS kontinwament tassisti lill-Forzi Armati Russi biex iwettqu attakki preċiżi b'missili tattiċi (eż. missili tattiċi Iskander) matul il-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, AO Plasma qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Entitajiet assoċjati oħra: – AO "VOLGAR" – OAO "FOTONIKA-NV" – OOO "PEKON" – SP ZAO NPK "ORION-PLAZMA" – ZAO "PLAZMA-SOFO" – OAO "RUSELEKTRONIKA-NV"		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Informazzjoni oħra: – KPP: 623001001 – OKPO: 07626955 – OGRN: 1026201102850 – OKFS: 61 - Sjieda ta' korporazzjonijiet statali – OKOGU: 4100304 - State corporation to promote the development , production and export of high technology products "Russian Technologies" (State Corporation "Russian Technologies")		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		– OKOPF: 12247 - Open joint-stock companies OKTMO: 61701000001 – FSFR: 04700-A – OKATO: 61401375 - Ryazanskaya area, citya oblastnogo znacheniya Ryazanskoj area, Ryazan, Oktyabrskij		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
206.	Atomflot (magħrufa wkoll bħala ФГУП Атомфлот; magħrufa wkoll bħala Федеральное Государственное Унитарное Предприятие Атомного Флота; magħrufa wkoll bħala FSUE Atomflot; magħrufa wkoll bħala Rosatomflot)	Post tar-reġistrazzjoni: Murmansk, Russian Federation (Murmansk region, city of Murmansk, ter. Murmansk-17, 1) Data tar-reġistrazzjoni: 6 ta' Diċembru 2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 5192110268 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Atomflot hija kumpanija Russa li żżomm il-flotta Russa ta' tkissir tas-silġ. Il-flotta tat-tkissir tas-silġ ġestita minn Atomflot hija mfassla speċifikament biex tissodisfa l-objettivi tat-trasport marittimu tar-Russja tul ir-Rotta tal-Baħar tat-Tramuntana – ir-rotta l-qasira tal-Artiku bejn l-Ewropa u l-Asja. Ir-Rotta tal-Baħar tat-Tramuntana rriżultat bħala opportunità strateġika ġdida biex jiġu żblukkati u monetizzati r-riżervi vasti taż-żejt u l-gass tar-Russja fl-Artiku, u b'hekk tipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-gvern tal-Federazzjoni Russa. Hekk kif l-esportazzjonijiet taż-żejt u tal-gass qed jiċċaqalqu mill-Ewropa għall-Asja bħala riżultat tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukranja u s-sanzjonijiet sussegwenti mill-Punent, il-flotta Russa ta' tkissir tas-silġ hija kruċjali għall-istrateġija tal-pajjiż dwar l-idrokarburi tal-Artiku. Sabiex jiġu skortati tankers taż-żejt u tal-gass fuq il-vjaġġ ħafna itwal u aktar diffiċili mill-peniżoli ta' Yamal u Gydan lejn l-Asja, minflok ir-rotta ħafna iqsar u inqas mimlija silġ lejn l-Ewropa, ir-Russja tiddependi fuq il-flotta ta' tkissir tas-silġ imħaddma bl-enerġija nukleari ta' Atomflot.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għalhekk, Atomflot hija entità li tappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, jew tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Atomflot hija entità involuta f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
207.	195 Repair Plant of Rocket and Artillery Weapons (magħrufa wkoll bħala АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО "195 РЕМОНТНЫЙ ЗАВОД РАКЕТНО-АРТИЛЛЕРИЙСКОГО ВООРУЖЕНИЯ"; magħrufa wkoll bħala AO 195 РЗ РАВ; magħrufa wkoll bħala OPEN JOINT STOCK COMPANY "195 REPAIR PLANTS RACKET-ARTILLERY ARMS")	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (183032, Murmansk Oblast, Murmansk, Zavodskaya Ulitsa, dom 7) Data tar-reġistrazzjoni: 24 ta' April 2009 Numru tar-reġistrazzjoni: 5110002377 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Entitajiet u individwi assoċjati: Natalya Ivanovna Kondratskaya, Direttur Ġenerali Kumpanija omm: JSC "Remvooruzhenie"	"195 Repair Plant of Rocket and Artillery Weapons" hija intrapriża militari-industrijali Russa li ssewwi u tmantni prodotti militari li jintużaw mill-forzi armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-kumpanija għandha liċenzji pprovduti mill-gvern Russu għall-"iżvilupp u t-tiswija ta' armi u tagħmir militari" u tiddeskrivi lilha nnifisha bħala li toffri "servizzi ta' tiswija u manutenzjoni għall-vapuri" tar-Russian Federation Navy. Għalhekk, "195 Repair Plant of Rocket and Artillery Weapons" qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, "195 Repair Plant of Rocket and Artillery Weapons" qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
208.	SUN Ship Management (D) Ltd.	Post tar-reġistrazzjoni: Dubai, United Arab Emirates (Unit OT 17-32, Level 17, Central Park Offices, Dubai International Financial Centre, Dubai, PO Box 507065, United Arab Emirates) Data tar-reġistrazzjoni: 2.8.2012 Numru tar-reġistrazzjoni: 1244 Post prinċipali tan-negozju: United Arab Emirates, Russian Federation, European Union	SUN Ship Management (D) Ltd., li qabel kienet magħrufa bħala SCF Management Services (Dubai) Ltd., hija kumpanija tal-ġestjoni tal-bastimenti ibbażata f'Dubai, li hija parti minn PAO Sovcomflot (SCF Group), l-akbar kumpannija tat-tbaħħir tar-Russja, li tispeċjalizza fit-trasport tal-gass likwifikat, żejt grezz u prodotti tal-petroleum, kif ukoll l-għoti ta' servizzi għal produzzjoni ta' enerġija offshore upstream. SUN Ship Management (D) Ltd tiġġestjona u topera flotta ta' kważi mitt bastiment taż-żejt, tal-gass naturali likwifikat u tal-kimika, b'kapaċità ta' aktar minn 150 tunnellaġġ ta' piż mejjet. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, SUN Ship Management (D) Ltd. kienet qed topera bħala waħda mill-kumpanniji ewlenin li jiġġestjonaw u joperaw it-trasport marittimu taż-żejt Russu. B'mod importanti, bħala parti mill-kumpannija tat-tbaħħir statali Russa PAO Sovcomflot, il-Federazzjoni Russa hija l-benefiċjarju aħħari tas-servizzi offruti minn SUN Ship Management (D) Ltd.. Tali servizzi jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-gvern tal-Federazzjoni Russa, li jammonta għal aktar minn 70 % tad-dħul mill-enerġija tar-Russja, u b'hekk jippermettu lill-Kremlin jiffinanzja l-gwerra ta' aggressjoni tiegħu kontra l-Ukrajna.	25.2.2023".

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Entitajiet u individwi assoċjati: – PAO Sovcomflot (kumpanija omm) – Vladimir Oskirko (Direttur) – Salah Ibrahim Sayed Sharaf (Direttur) – Alexey Khaidukov (Direttur) – Alexander Verbo (Direttur) – Andrey Kontsenebin (Direttur) – SCF Overseas Holding Limited	Għaldaqstant, SUN Ship Management (D) Ltd. hija entità li tappoġġa materjalment u finanzjarjament, u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, SUN Ship Management (D) Ltd. hija entità involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.	